ITTRA ENĊIKLIKA

# Alla huwa Mħabba

PAPA BENEDITTU XVI

© Test Tipiku Latin - Copyright 2005 - Libreria Editrice Vaticana
© Verżjoni bil-Malti - Copyright 2006 - Arċidjoċesi ta' Malta

Produzzjoni: Outlook Coop, Balzan, Malta
Mitbugħ: Media Centre, Blata l-Bajda, Malta

Traduttur: Dun Karm Bezzina
Bord Editorjali: Mons Arthur Said Pullicino, Dun Jesmond Manicaro, Dun Paul Vella, Dun Hector Scerri, Profs Oliver Friggieri

Nihil obstat quo ad versionem
die 4ª maii 2006
sac. Hector Scerri
Cens. theol.

Ittra Enċiklika

# Alla huwa mħabba

tal-Papa Benedittu XVI

lill-Isqfijiet, lis-Saċerdoti
u lid-Djakni, lill-Erwieħ ikkonsagrati
u lil-lajċi kollha li jemmnu fi Kristu
**dwar l-Imħabba Nisranija**



# DAĦLA

1. "Alla huwa mħabba, u min jgħammar fl-imħabba jgħammar f'Alla u Alla fih" (1 Ġw 4:16) Dawn il-kelmiet mill-*Ewwel Ittra ta' Ġwanni* jfissru b'mod ċar liema bħalu l-qofol tal-fidi nisranija: ix-xbieha nisranija ta' Alla kif ukoll ix-xbieha tal-bniedem li ġejja minnu u d-destin tiegħu. Barra dan, fl-istess vers, Ġwanni joffrilna, biex ngħidu hekk, espressjoni li tiġbor kollox dwar il-ħajja nisranija: "U aħna għarafna l-imħabba li Alla għandu għalina u emminnieha".
*Aħna emminna fl-imħabba ta' Alla* – hekk in-nisrani jista' jistqarr l-għażla fondamentali ta' ħajtu. Bħala bidu għall-eżistenza nisranija m'hemmx xi deċiżjoni etika jew xi idea għolja, iżda hemm il-laqgħa ma' ġrajja, ma' Persuna, li tagħti lill-ħajja orizzont ġdid u direzzjoni deċiżiva. Fl-Evanġelju tiegħu Ġwanni fisser dan l-avveniment b'dawn il-kelmiet: "Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ikollu l-ħajja ta' dejjem" (3:16). Bit-tqegħid ta' l-imħabba fiċ-ċentru, il-fidi nisranija ġabret dak li kien il-qofol tal-fidi ta' Israel u fl-istess ħin hija tat lil dan il-qofol dehra aktar profonda u wiesgħa. Tabilħaqq l-Iżraelita li jemmen, jitlob kull jum bil-kelmiet tal-*Ktieb tad-Dewteronomju* li fihom huwa jaf li hemm miġbur il-qofol ta' l-eżistenza tiegħu. "Isma', Iżrael: Alla tagħna l-Mulej, il-Mulej waħdu. Ħobb, mela, lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u b'saħħtek kollha" (Dt 6: 4-5). Biex jagħmel preċett wieħed Ġesù għaqqad il-kmandament ta' l-imħabba ta' Alla ma' dak ta' l-imħabba ta' għajrna, kif jinsab fil-*Ktieb tal-Levitiku*: "Ħobb lil għajrek bħalek innifsek" (19:18; ara Mk 12:29-31). Billi Alla kien li ħabbna l-ewwel (ara 1 Ġw 4:10), issa l-imħabba mhix aktar "kmandament" biss, iżda hija t-tweġiba għar-rigal ta' l-imħabba, li bih Alla joqrob lejna.

F'dinja li fiha xi drabi l-isem ta' Alla jorbtuh mal-vendikazzjoni jew jaslu biex jorbtuh mad-dmir tal-mibegħda u tal-vjolenza, dan huwa messaġġ ta' attwalità kbira u ta' tifsira reali ħafna. Għalhekk fl-ewwel Enċiklika tiegħi nixtieq nitkellem fuq l-imħabba, li biha Alla jimliena u li mbagħad għandha tintwera minna lill-oħrajn. Hekk jidhru ż-żewġ taqsimiet ewlenin ta' din l-Ittra, magħqudin flimkien f'rabta l-aktar kbira. L-ewwel taqsima għandha aktar xejra ta' riflessjoni, billi hawn fil-bidu tal-pontifikat tiegħi, jiena ridt niċċara xi punti essenzjali fuq l-imħabba li Alla, b'mod misterjuż u għax irid, joffri lill-bniedem, flimkien mar-rabta fiha nfisha ta' dik l-imħabba ta' Alla mar-realta' ta' l-imħabba umana. It-tieni taqsima għandha xejra aktar reali għaliex għandha x'taqsam mat-tħaddim ekkleżjali tal-kmandament ta' l-imħabba lejn il-proxxmu. L-argument jidher bil-bosta mifrux; b'danakollu t-tifsira twila tiegħu hi 'l barra mill-għan ta' din l-Enċiklika. Hi x-xewqa tiegħi li ninsisti fuq xi punti fondamentali, biex hekk inqajjem fid-dinja enerġija ġdida u impenn bħala tweġiba umana lill-imħabba ta' Alla.

F'dinja li fiha xi drabi l-isem ta' Alla jorbtuh mal-vendikazzjoni jew jaslu biex jorbtuh mad-dmir tal-mibegħda u tal-vjolenza, dan huwa messaġġ ta' attwalità kbira u ta' tifsira reali ħafna. Għalhekk fl-ewwel Enċiklika tiegħi nixtieq nitkellem fuq l-imħabba, li biha Alla jimliena u li mbagħad għandha tintwera minna lill-oħrajn.



# L-EWWEL TAQSIMA

## L-Għaqda ta' l-Imħabba fil-Ħolqien u fl-Istorja tas-Salvazzjoni

### Il-Problema tal-Lingwaġġ

2. L-imħabba ta' Alla għalina hi argument ewlieni għall-ħajja, u tqajjem mistoqsijiet importanti fuq x'inhu Alla u aħna x'aħna. Meta nqisu dan, aħna mill-ewwel insibu ma' wiċċna l-problema tal-lingwaġġ li nużaw. Il-kelma "mħabba" saret illum waħda mill-aktar użati, kif ukoll użati ħażin, li magħha norbtu tifsiriet li għal kollox ma jaqblux ma' xulxin. Għalkemm din l-Enċiklika titkellem l-aktar dwar kif nifhmu l-imħabba u nitħarrġu fiha skond il-Kotba Mqaddsa u t-Tradizzjoni tal-Knisja, aħna ma nistgħux nitbiegħdu mit-tifsira li l-istess kelma għandha f'kulturi differenti u fit-taħdit ta' llum. L-ewwelnett niftakru fil-firxa l-aktar wiesgħa fit-tifsira tal-kelma "mħabba": nitkellmu fuq l-imħabba ta' pajjiżna, kif ukoll fuq l-imħabba għall-impjieg tagħna, l-imħabba bejn il-ħbieb, l-imħabba għax-xogħol, l-imħabba bejn ġenituri u wlied, bejn l-aħwa u n-nies ta' ġewwa, l-imħabba lejn għajrna u l-imħabba lejn Alla. B'dankollu f'din il-kotra kollha ta' tifsiriet, tispikka tassew b'mod partikolari l-imħabba bejn raġel u mara, fejn ġisem u ruħ jingħaqdu b'mod inseparabbli u fejn ukoll il-wegħda ta' l-hena li kif jidher ma tistax tiġi miċħuda, tinfetaħ għall-bnedmin. Din tista' tidher bħala x-xbieha l-aktar perfetta ta' l-imħabba, li quddiemha ma' l-ewwel daqqa ta' għajn, l-għamliet kollha ta' l-imħabba jitilfu lewnhom. Minn dan toħroġ il-mistoqsija: jaqaw fl-aħħar mill-aħħar dawn is-suriet kollha ta' l-imħabba jingħaqdu, u dik l-imħabba wkoll fid-dehriet kollha tagħha, hija waħda u l-istess, jew bil-maqlub aħna qegħdin nużaw l-istess kelma biex infissru għemejjel għal kollox differenti?

## "Eros" u "Agape" - differenza u għaqda

3. Il-Greċja l-antika tat l-isem *eros* lill-imħabba bejn raġel u mara, li la titwieled mill-ħsieb u lanqas mir-rieda iżda b'xi mod taħkem il-bniedem. Ngħidu minn qabel li t-Testment il-Qadim bil-Grieg juża l-kelma *eros* darbtejn biss, u min-naħa l-oħra t-Testment il-Ġdid qatt ma jużaha: mit-tliet kelmiet Griegi li għandhom x'jaqsmu ma' l-imħabba – *eros, philia* (l-imħabba ta' ħbiberija) u *agape* – il-kittieba tat-Testment il-Ġdid jippreferu l-aħħar nom, li fl-ilsien Grieg aktarx kienu jwarrbuh fil-ġenb. Dak li għandu x'jaqsam ma' l-imħabba ta' ħbiberija huwa mtenni u jieħu tifsira iżjed għolja fl-*Evanġelju ta' Ġwanni*, biex ifisser ir-relazzjoni bejn Ġesu` u d-dixxipli tiegħu.

Dan it-twarrib tal-kelma *eros* kif ukoll fl-istess waqt il-vizjoni ġdida ta' l-imħabba mfissra bil-kelma *agape* s'issa kważi mħollija barra, juri bla dubju xi ħaġa għal kollox meħtieġa biex nifhmu l-imħabba fir-realtà ġdida tal-ħajja nisranija. Fil-kritika dwar il-kristjaneżmu li minn żmien l-illuminiżmu bdiet u żviluppat b'mod aktar radikali, dan l-element ġdid ġie stmat b'mod għal kollox negattiv. Skond il-ħsieb ta' Friedrich Nietzsche, ir-reliġjon nisranija avvelenat l-*eros* li, għalkemm ma mietx b'dan il-velenu, ħa spinta minnu biex jitħassar f'vizzju. [1] Hawnhekk il-filosfu Ġermaniż kien qiegħed jixhed dwar idea mxerrda ħafna: jaqaw bil-kmandamenti u bil-projbizzjonijiet tagħha, il-Knisja mhix qiegħda tniġġes għalina l-isbaħ ħaġa tal-ħajja? Forsi mhix il-Knisja li bħal issaffar is-suffara eżatt fejn il-ferħ imħejji għalina mill-Ħallieq jagħtina dak il-hena li jħallina nduqu xi ħaġa minn qabel ta' dak li hu Divin?

4. Iżda dan minnu? Ir-reliġjon nisranija qerdet tassew l-imħabba – *eros?* Inħarsu lejn id-dinja qabel l-epoka nisranija. Il-Griegi – bħal kulturi l-oħra – f'dik l-imħabba – *eros* qabel xejn raw bħal sakra, jiġifieri raw ir-raġuni nnifisha maħkuma minn "saħna divina" li tkaxkar il-bniedem sa tarf l-eżistenza tiegħu, u f'dan l-istat milqut minn qawwa divina, huwa seta' jġarrab hena mill-aqwa. Hekk il-qawwiet kollha bejn is-sema u l-art jidhru inqas importanti. "L-imħabba kollox tirbaħ" jgħid Virġilju fil-*Bukoliċi* u jżid: "u ħa nċedu aħna wkoll għall-imħabba". [2] Fir-reliġjonijiet din id-drawwa waslet għall-kulti tal-fertilita' li magħhom kienet marbuta l-prostituzzjoni "sagra", li kotrot f'ħafna tempji pagani. B'dan il-mod kienet iċċelebrata l-imħabba-*eros* bħala ċerta qawwa divina, bħala relazzjoni man-natura divina.

It-Testment il-Qadim ħadha b'qawwa kbira kontra din il-għamla ta' reliġjon, li bħala tentazzjoni qawwija ma taqbilx mal-fidi f'Alla wieħed, u tissielet magħha bħala taħsir tal-qima reliġjuża. B'danakollu t-Testment il-Qadim ma ċaħadx l-imħabba-*eros* fiha nnifisha iżda aktar iddikjara gwerra kontra l-iżvilupp qerriedi tagħha, għaliex din il-preżentazzjoni falza ta' l-*eros* bħala ħaġa divina, li sseħħ f'dan il-kult, iġġib fix-xejn id-dinjità tiegħu u tbaxxi l-aspett uman tiegħu. Għaliex fit-tempji pagani, il-prostituti, li kellhom joffru s-sakra divina, ma kenux stmati bħala ħlejjaq umani u persuni, imma kienu biss bħala għodda biex iqajmu "s-saħna divina"; żgur li ma kenux allat nisa, iżda kienu persuni umani abbużati minn oħrajn. Għal din ir-raġuni l-imħabba-*eros* fis-sakra u bla lġiem mhix irfigħ, "estasi" lejn in-natura divina, iżda waqgħa, degradazzjoni tad-dinjità tal-bniedem. Hekk hija ħaġa ċara li l-imħabba-*eros* teħtieġ rażan u tisfija biex lill-bniedem tagħtih mhux pjaċir ta' mument, iżda ċertu gost minn qabel tal-quċċata tal-ħajja, jiġifieri ta' dak il-hena li n-natura kollha tagħna tixxennaq għalih.



5. Minn din il-ħarsa ħafifa fuq l-ideat ta' l-imħabba-*eros,* joħorġu żewġ ħwejjeġ fl-istorja u fiż-żmien ta' llum. Qabel xejn hemm bħal relazzjoni bejn l-imħabba u d-Divin: għaliex l-imħabba twiegħed l-infinit u l-eternità – jiġifieri xi realtà akbar u għal kollox differenti mill-eżistenza tagħna ta' kull jum. Iżda fl-istess ħin jidher li t-triq għal dan il-għan mhix fil-mod ħafif li bih wieħed iħalli lilu nnifsu jinħakem mill-istint. Huma meħtieġa t-tisfija u l-maturità li jikbru wkoll permezz taċ-ċaħda. Dan mhux ir-rifjut ta' l-imħabba-*eros* jew "l-avvelenament" tagħha, iżda hu l-fejqan għall-veru kobor tagħha.

Dan qabel xejn jiddependi mill-fatt li l-bniedem huwa magħmul minn ġisem u ruħ. Il-bniedem isib li hu tassew bniedem fih innifsu meta ġismu u ruħu huma magħquda f'relazzjoni intima bejniethom; din l-isfida ta' l-*eros* tintrebaħ tassew, meta sseħħ din il-għaqda. Barra dan jekk il-bniedem jitħabat biex ikun spirtu biss u jixtieq jiskarta l-ġisem bħala wirt biex ngħidu hekk ta' l-annimali biss, imbagħad sew l-ispirtu sew il-ġisem jitilfu d-dinjità tagħhom. Iżda min-naħa l-oħra jekk il-bniedem iwarrab l-ispirtu u jwaħħal f'rasu li l-materja, il-ġisem, hu r-realtà waħdanija, huwa (il-bniedem) xorta waħda jitlef il-kobor tiegħu. Biex jiċċajta, l-epikurew Gassendi kien isellem lil Kartesju "X'hemm ruħ!" u Kartesju kien iwieġbu: "X'hemm ġisem!" [3]. B'danakollu mhux l-ispirtu waħdu u l-anqas il-ġisem waħdu hu li jħobb; għaliex huwa l-bniedem, jiġifieri l-persuna, li jħobb bħala ħlejqa sħiħa magħquda, li tagħha huma sew il-ġisem sew ir-ruħ. Fl-aħħarnett, meta ż-żewġ komponenti jsiru tassew ħaġa waħda, il-bniedem isir bniedem sħiħ fih innifsu. B'dan il-mod biss l-imħabba-*eros* tista' tilħaq il-veru kobor tagħha.

Dan qabel xejn jiddependi mill-fatt li l-bniedem huwa magħmul minn ġisem u ruħ. Il-bniedem isib li hu tassew bniedem fih innifsu meta ġismu u ruħu huma magħquda f'relazzjoni intima bejniethom; din l-isfida ta' l-*eros* tintrebaħ tassew, meta sseħħ din il-għaqda.



Illum mhix ħaġa rari li lill-insara ta' l-imgħoddi jikkritikawhom li kienu kontra r-realtà tal-ġisem; fil-fatt dejjem kien hemm tendenzi lejn din ix-xeħta. Iżda l-mod li bih jgħollu l-ġisem, u aħna llum xhud ta' dan, huwa qarrieq. Meta l-imħabba-*eros* titbaxxa u ssir sess biss, din titqies bħala oġġett tal-kummerċ, ħaġa komuni li tinbiegħ u tinxtara, anzi, il-bniedem stess isir oġġett tal-kummerċ. Tabilħaqq b'dan, il-bniedem ma jkunx jistqarr il-valur tassew kbir ta' ġismu. Anzi, bil-maqlub, issa hu jistma ġismu u s-sesswalità tiegħu biss bħala l-parti materjali tiegħu nnifsu biex jużaha u jieħu minnha dak li jogħġbu. Din il-ħaġa lanqas jaraha bħala qasam għat-taħriġ tal-libertà tiegħu, iżda biss bħala sempliċi oġġett li iktar skond il-kapriċċ jistà jagħmlu pjaċevoli u bla konsegwenzi. Fil-fatt hawnhekk wasalna quddiem id-degradazzjoni tal-ġisem uman; dan ma għadux meqjus għal kollox parti mil-libertà ta' l-eżistenza tagħna; dan ma għadux tifsira ħajja tal-persuna kollha tagħna, iżda huwa bejn wieħed u ieħor mitfugħ `l isfel għall-qasam purament bijoloġiku. Dak li jidher ta' ġieħ għall-ġisem tal-bniedem malajr jista' jinbidel f'mibegħda għan-natura tal-ġisem. Bil-maqlub, il-fidi kristjana dejjem qieset il-bniedem bħala realta' waħda b'żewġ komponenti li fiha l-ispirtu u l-materja jitħalltu ma' xulxin, waqt li b'hekk kull parti issib tassew id-dinjità tagħha. Hekk hu: l-imħabba-*eros* tfittex li tgħollina "f'estasi" lejn id-divin, twassalna 'l fuq minna nfusna; iżda, sewwa sew minħabba din il-ħaġa, titlob mixja ta' axxeżi, ċaħdiet, tisfija u fejqan.

6. Kif nistgħu nfasslu t-twettiq ta' din il-mixja ta' axxeżi u ta' tisfija? B'liema mod wieħed jista' jgħix l-imħabba biex il-wegħda umana u divina sseħħ għal kollox? Aħna nistgħu nsibu l-ewwel ħjiel importanti fl-*Għanja ta' l-Għanjiet,* wieħed mill-kotba tat-Testment il-Qadim, magħruf sew fost il-mistiċi. Skond it-tifsir l-aktar miżmum fi żmienna, l-għanjiet miġbura f'dan il-Ktieb kienu fil-bidu għanjiet ta' mħabba, forsi dedikati għal xi festa ta' tieġ Lhudi, li fiha kellha titfaħħar l-imħabba konjugali. F'dan l-isfond huwa ta' tagħlim kbir il-fatt, li, ma' tul il-ktieb jidhru żewġ kelmiet differenti li juru l-"imħabba". Qabel kollox għandna l-kelma *dodim*, forma fil-plural li tfisser l-imħabba li għadha mhix żgura biżżejjed, jiġifieri f'qagħda ta' wieħed li għadu jaħsibha u jistħarreġ. Iżda wara, din il-kelma nbidlet fil-kelma *ahabà* li fit-traduzzjoni Griega tat-Testment il-Qadim inqalbet f'*agape*, kelma b'ħoss li jixbaħha, li kif diġa' rajna saret l-espressjoni proprja għall-ħsieb bibliku ta' l-imħabba. Bil-maqlub għall-imħabba indeċiża u li għadha qiegħda tifttex, din il-kelma tfisser l-esperjenza ta' l-imħabba li issa ssir tassew għarfien

ta' bniedem ieħor, billi tirbaħ in-natural personali egoista li qabel kien jaħkem bid-dieher. Issa l-imħabba ssir ħsieb u ħerqa għal ħaddieħor. Ma tfittixx aktar lilha nnifisha, mhix telfa f'sakra għat-tgawdija; flok dan, l-imħabba tfittex il-ġid tal-bniedem maħbub: hekk issir ċaħda, li hi lesta għas-sagrifiċċju, anzi tfittxu.

Li l-imħabba tfittex li tkun stabbli huwa parti mill-iżvilupp tagħha lejn gradi aktar għolja, lejn it-tisfija l-iżjed intima, u dan tagħmlu f'żewġ modi: sew bil-fehma li twarrab oħrajn – "din biss il-persuna waħdanija" u bil-fehma li tkun "għal dejjem". Għax l-imħabba tħaddan fiha l-eżistenza kollha kemm hi, f'kull dimensjoni tagħha, ukoll iż-żmien. Ma jistax ikun mod ieħor, billi l-wegħda tagħha tħares dritt lejn għan preċiż: l-imħabba tħares lejn l-eternita'. Hekk hu, l-imħabba hija "estasi", iżda estasi li ma tfissirx ħin ta' sakra, imma estasi bħala mixja, bħala ħarġa dejjiema mill-egoiżmu magħluq fih innifsu lejn il-ħelsien minnu fl-għotja ta' dak li jkun, u sewwa sew ħarġa lejn l-għarfien tiegħu nnifsu, anzi lejn l-għarfien ta' Alla: "Min ifittex li jsalva ħajtu, jitlifha; iżda min jitlifha, isalvaha" (Lq 17:33), qal Ġesu` - din l-istqarrija tiegħu tinsab f'diversi bnadi ta' l-Evanġelju (ara: Mt 10:39; 16:25; Mk 8:35; Lq 9:24; Ġw 12:25). B'dan, Ġesu` jpinġi l-mixja tiegħu nnifsu li permezz tas-salib wasslitu għall-qawmien; il-proċess tal-ħabba tal-qamħ li taqà fl-art u tmut u hekk tagħti ħafna frott. Mill-istess qalba tas-sagrifiċċju personali tiegħu u ta' l-imħabba li fih laħqet il-perfezzjoni, b'dawn il-kelmiet huwa fisser ukoll il-qofol ta' l-imħabba u sewwa sew il-qofol tal-ħajja umana fiha nnifisha.

7. Bil-loġika interna tagħhom, dawn ir-riflessjonijiet tagħna dwar l-essenza ta' l-imħabba, aktarx filosofiċi għall-bidu, issa wassluna sal-għatba tal-fidi biblika. Fil-bidu tqiegħdet il-mistoqsija jekk it-tifsiriet diversi, jew ukoll opposti tal-kelma mħabba jurux ħjiel ta' xi għaqda aktar għolja, jew bil-maqlub għandhomx jibqgħu bla ebda rabta, waħda ħdejn l-oħra. Iżda qabel kollox spikkat il-mistoqsija jekk il-messaġġ ta' l-imħabba mxandar lilna mill-Bibbja u mit-Tradizzjoni tal-Knisja għandux x'jaqsam ma' l-esperjenza umana komuni ta' l-imħabba, jew hux kontra dik l-esperjenza. Għal din ir-raġuni aħna rriflettejna dwar żewġ kelmiet ewlenin li huma: *eros,* bħala kelma li tfisser l-imħabba kif tifhimha d-dinja, u *agape* bħala espressjoni għall-imħabba mibnija fuq il-fidi u hi mfassla fuqha. Dawn iż-żewġ ideat huma sikwit kontrastanti bħala mħabba li togħla 'l fuq u mħabba li tħares 'l isfel. Hemm ukoll kategoriji oħra ta' tifsiriet li jixbħuhom, ngħidu aħna d-differenza bejn imħabba li tieħu u mħabba li tagħti (*imħabba mqanqla mill-ġibda ħażina u mħabba mqanqla għall-ġid ta' ħaddieħor*), li magħhom kultant ngħoddu wkoll l-imħabba li tfittex dak li jaqblilha.

Fid-dibattitu filosofiku kif ukoll teoloġiku, dawn id-divrenzji ħafna drabi laħqu qasma radikali, sakemm ħaduha kontra xulxin: kienu jgħidu li l-imħabba tassew Kristjana tħares 'l isfel u toffri lilha nnifisha, u din tissejjaħ *agape*; min-naħa l-oħra, il-kultura li mhix nisranija, l-aktar Griega, kienet magħrufa għall-imħabba li togħla 'l fuq, imħabba egoista, imħabba li taħkem; din hija l-imħabba-*eros*. Iżda jekk xi ħadd ikun irid iġebbed din l-oppożizzjoni sat-tarfnett, l-essenza tal-kristjaneżmu tinfatam mir-relazzjonijiet ewlenin ta' l-istess eżistenza umana u twaqqaf dinja maqtugħa għaliha, forsi ta' min jammiraha, iżda mifruda għal kollox mill-qofol innifsu tal-ħajja umana. Tabilħaqq l-imħabba-*eros* u l-imħabba-*agape* – imħabba li togħla u l-imħabba li tħares 'l isfel – qatt ma jistgħu jkunu mifrudin għal kollox minn xulxin. Aktar ma t-tnejn, għalkemm f'aspetti differenti, isibu għaqda retta f'realtà waħda ta' mħabba, aktar isseħħ il-vera natura ta' l-imħabba. Għalkemm l-imħabba-*eros* għall-bidu tixxennaq, togħla 'l fuq – seħer li jiġi mill-kilba għall-wegħda ta' l-hena, – meta toqrob lejn il-persuna l-oħra, issir inqas u inqas egoista, tfittex dejjem aktar l-hena ta' l-oħra, taħseb dejjem aktar fil-persuna maħbuba, tagħti lilha nnifisha u tixtieq li tkun pronta għall-persuna l-oħra. Hekk il-waqt ta' l-imħabba-*agape* jidħol fih: għaliex inkella l-imħabba-*eros* tiftaqar kif ukoll titlef in-natura tagħha. Min-naħa l-oħra, il-bniedem ma jistax jgħix biss fl-imħabba li toffri lilha nnifisha, li tħares biss lejn il-persuna l-oħra. Il-bniedem ma jistax jagħti biss dejjem, irid ukoll jirċievi. Min irid jagħti l-imħabba għandu jirċeviha b'rigal hu wkoll. Żgur, kif jgħidilna l-Mulej – il-bniedem jista' jsir għajn li minnha joħorġu xmajjar ta' ilma ħaj (ara Ġw 7:37-38). Iżda biex wieħed isir għajn bħal din, hu nnifsu għandu jixrob – u dejjem jerġa' jixrob, minn dik l-ewwel għajn tal-bidu li hi Ġesu` Kristu, li mill-qalb minfuda tiegħu tgelgel l-imħabba ta' Alla (ara Ġw 19:34).

Fir-rakkont tas-sellum ta' Ġakobb, missirijiet il-Knisja raw b'modi diversi xbieha tar-rabta li ma tinħallx bejn l-imħabba li togħla u dik li tħares 'l isfel, bejn l-imħabba-*eros* li tfittex 'l Alla u l-imħabba-*agape* li tnewwel id-don li rċeviet. F'dik il-kitba biblika jingħad li l-patrijarka Ġakobb ra f'ħolma sellum, li minn fuq ġebla li servietu bħala mħadda, kien jilħaq sas-sema, miegħu kienu neżlin u telgħin l-anġli ta' Alla, (Ara Ġen 28:12; Ġw 1: 51). Tolqotna bil-bosta t-tifsira li l-Papa Girgor l-Kbir jagħti ta' din id-dehra fir-*Regola Pastorali* tiegħu. Huwa

jgħidilna: ir-ragħaj tajjeb għandu jsib il-qofol tiegħu fil-kontemplazzjoni. B'dan il-mod biss huwa jkollu l-ħila jitgħabba bil-ħtiġiet ta' l-oħrajn u jagħmilhom tiegħu: "*per pietatis viscera in se infirmitates caeterorum transferat*". [4]

F'din il-kitba San Girgor jitkellem dwar San Pawl, li kien merfugħ 'il fuq lejn il-misterji l-aktar għolja ta' Alla (ara 2 Kor 12:2-4; 1 Kor 9:22). Barra dan huwa wera l-eżempju ta' Mose` li jidħol u jerġa' jidħol fit-tinda tal-laqgħa u jaqbad djalogu ma' Alla, biex hekk meta joħroġ minn quddiem Alla huwa jkun għas-servizz tal-poplu tiegħu. "Fit-tinda merfugħ 'il fuq kien ikun fil-kontemplazzjoni, waqt li barra huwa kien ikun imħabbat bit-tagħbija ta' l-imġarrbin: *Intus in contemplationem rapitur, foris infirmantium negotiis urgetur*". [5]

8. U hekk diġà sibna l-ewwel tweġiba, għalkemm għadha ftit jew wisq ġenerali, għaż-żewġ mistoqsijiet li għamilna aktar 'il fuq: essenzjalment "l-imħabba" hija realtà waħda għalkemm b'xejriet differenti; kultant xejra jew oħra tistà tispikka aktar. Iżda meta ż-żewġ xejriet huma mifrudin għal kollox minn xulxin, toħroġ dehra bħal karikatura jew forma fqira ta' mħabba. U aħna rajna wkoll, fil-qosor, li l-fidi biblika ma tibnix dinja parallela jew dinja opposta għal dak il-fenomenu uman ewlieni li hu l-imħabba, iżda aktar tħaddan il-bniedem sħiħ; tindaħal fit-tfittxija ta' l-imħabba biex issaffiha, fl-istess waqt tiftaħlu orizzonti ġodda. Qabel kollox dan it-tiġdid tal-fidi biblika jidher f'żewġ elementi, li ħaqqhom ikunu ppreżentati b'tifħir: jiġifieri x-xbieha ta' Alla u x-xbieha tal-bniedem.

*9. X'hemm ġdid fil-fidi biblika*

Qabel xejn hemm ix-xbieha ġdida ta' Alla. Fil-kulturi li kienu jgħixu madwar id-dinja tal-Bibbja, ix-xbihat ta' Alla u ta' l-allat fl-aħħar mill-aħħar baqgħu mhux ċari u waħda kontra l-oħra. Iżda fil-mixja tal-fidi biblika, sar dejjem aktar ċar u kellu tifsira waħda, dak li l-aqwa talba ta' Israel, ix-*Shema,* ġabret fil-qosor b'dan il-kliem: "Ismà, Iżrael: Alla tagħna l-Mulej, il-Mulej waħdu" (Dt 6:4). Hemm Alla wieħed, il-Ħallieq tas-sema u l-art, u għalhekk huwa wkoll Alla tal-bnedmin kollha. Hemm żewġ fatti sinifikanti f'din id-dikjarazzjoni: l-allat l-oħra kollha mhumiex Alla, u l-univers kollu li fih ngħixu ġej minn Alla, huwa maħluq minnu. Żgur li l-idea tal-ħolqien tinsab ukoll fi mkejjen oħra, iżda hawnhekk biss huwa assolutament ċar li mhux xi alla fost l-oħrajn, iżda Alla li hu wieħed u veru, huwa l-għajn ta' dak kollu li jeżisti; dawn ġejjin mis-setgħa tal-Kelma kreattiva tiegħu. Dan ifisser li dan il-ħolqien tiegħu huwa għażiż għalih, għaliex proprju Hu nnifsu riedu, Hu stess għamlu. Issa jispikka t-tieni element: dan

Essenzjalment "l-imħabba" hija realtà waħda għalkemm b'xejriet differenti; kultant xejra jew oħra tistà tispikka aktar. Iżda meta ż-żewġ xejriet huma mifrudin għal kollox minn xulxin, toħroġ dehra bħal karikatura jew forma fqira ta' mħabba.

Alla jħobb il-bniedem. Il-qawwa divina li, fil-quċċata milħuqa mill-filosofija Griega, Aristotli stinka biex jifhem permezz tar-riflessjoni, hija tassew fatt ta' min jixtiequ u jħobbu għall-bnedmin kollha – bħala realtà maħbuba din id-divinità tmexxi d-dinja [6] -, iżda hi ma jonqosha xejn fiha nfisha u ma tħobbx; hija biss maħbuba. Min-naħa l-oħra, Alla l-waħdieni li fih jemmen Iżrael, iħobb b'imħabba personali. Barra dan, l-imħabba tiegħu hija mħabba li tagħżel: fost il-ġnus kollha huwa għażel lil Iżrael u ħabbu – iżda dan jagħmlu sewwa sew bil-għan li titfejjaq l-umanità kollha. Alla jħobb, u din l-imħabba tiegħu bla dubju tista' tissejjaħ imħabba-*eros*, b'danakollu hija wkoll u għal kollox imħabba-*agape* [7].

Il-profeti, l-aktar Hosegħa u Eżekjel, fissru din il-ġibda kbira ta' Alla għall-poplu tiegħu billi użaw xbihat amorużi qawwija. Ir-relazzjoni ta' Alla ma' Iżrael titfisser bl-użu tal-metafori bħal għerusija u żwieġ; għalhekk l-idolatrija hi adulterju u prostituzzjoni. Hawnhekk, bħalma wrejna qabel, insibu riferenza ċara għall-kulti tal-fertilità u l-abbużi ta' l-imħabba-*eros*, iżda fl-istess ħin hemm imfissra wkoll ir-rabta ta' fedeltà bejn Iżrael u Alla tiegħu. L-istorja ta' l-imħabba bejn Alla u Iżrael fl-aħħar mill-aħħar tissawwar fuq il-ġrajja li Alla ta t-*Torah* (Liġi), u biha fetaħ għajnejn Iżrael dwar in-natura vera tal-bniedem u wrieh it-triq ta' l-umaneżmu veru. Din l-istorja tikkonsisti fil-fatt li l-bniedem, b'ħajja ta' fedeltà lejn Alla l-waħdieni, iħoss fih innifsu li huwa maħbub minn Alla u jsib il-hena fil-verità u l-ġustizzja – l-hena f'Alla li ssir il-ferħ essenzjali tiegħu. "Lil min għandi fis-sema ħliefek? U meta għandi lilek, x'jonqosni fuq l-art … jiena l-hena tiegħi li nkun qrib Alla" (Salm 73[72]: 25,28).

10. Rajna li l-imħabba-*eros* li Alla għandu għall-bniedem hija wkoll imħabba-*agape* kollha kemm hi. Mhux biss għaliex tingħata għal kollox b'xejn, mingħajr ebda mertu minn qabel, iżda wkoll għaliex hija mħabba li taħfer. Hu Ħosegħa l-aktar li jurina l-kobor ta' l-imħabba-*agape* ta' Alla lejn il-bniedem; din l-imħabba tisboq bil-kbir id-dehra ta' don mogħti b'xejn. Iżrael wettaq "adulterju", kiser il-Patt; Alla jmissu jiġġudikah u jistmellu. Iżda proprju hawnhekk li għandna r-rivelazzjoni li Alla huwa Alla u mhux bniedem: "Kif! Jiena se nwarrab lilek minni, Efrajm? Iżrael se nerħik?….. Daret għalija qalbi, tqanqlet bil-bosta ħnienti. Le, ma nħaddimx il-korla mħeġġa tiegħi, ma nerġax inġib fix-xejn 'l Efrajm, għax Alla jien, u mhux bniedem; jien f'nofskom il-Qaddis" (Ħosegħa 11: 8-9). L-imħabba t'Alla mitluf wara l-poplu tiegħu – għall-bniedem – hi fl-istess ħin imħabba li taħfer. Hija daqshekk kbira li ddawwar 'l Alla kontra tiegħu nnifsu, imħabbtu kontra l-ġustizzja tiegħu. F'dan kollu n-nisrani jara taħt velu minn qabel abbozz tal-misteru tas-salib; l-imħabba ta' Alla għall-bniedem hi hekk kbira li, billi sar bniedem huwa nnifsu, isegwih saħansitra sal-mewt u b'dan il-mod iħabbeb il-ġustizzja u l-imħabba.

F'din il-viżjoni tal-Bibbja ta' min jinnota li l-aspett filosofiku u storiku-reliġjuż jinsab fil-fatt li minn naħa ninsabu quddiem xbieha kollha kemm hi metafiżika ta' Alla: Alla huwa b'mod assolut il-bidu ewlieni ta' kull ħaġa maħluqa; iżda din il-kawża ewlenija u kreattiva ta' kollox – imsejħa *Logos*, raġuni primarja – hi fl-istess ħin wieħed li jħobb bil-ġibda kollha ta' vera mħabba. B'dan il-mod l-imħabba-*eros* issir nobbli fl-ogħla grad, iżda fl-istess waqt hi tant tissaffa li ssir ħaġa waħda ma' l-imħabba-*agape*. Minn dan nistgħu nifhmu kif l-*Għanja ta' l-Għanjiet* ġiet mdaħħla fil-lista tal-Kotba Mqaddsa; f'qasir żmien kienet spjegata fis-sens li dawk l-għanjiet ta' mħabba fl-aħħar mill-aħħar ifissru r-relazzjoni ta' Alla mal-bniedem u r-relazzjoni tal-bniedem ma' Alla. U hekk l-*Għanja ta' l-Għanjiet*, fil-letteratura sew Kristjana sew Lhudija, saret għajn ta' tagħlim u esperjenza mistika, li biha tintwera l-essenza tal-fidi biblika: iva, li hemm għaqda bejn il-bniedem u Alla – il-ħolma ewlenija tal-bniedem - iżda din l-għaqda mhix taħlita flimkien, għarqa fl-oċejan bla isem tad-Divin; hija għaqda li toħloq l-imħabba, għaqda li fiha sew Alla sew il-bniedem jibqgħu li huma u b'danakollu jsiru għal kollox ħaġa waħda. San Pawl jgħid: "Min jingħaqad mal-Mulej hu ruħ waħda miegħu" (1 Kor 6: 17).

11. L-ewwel ħaġa ġdida tal-fidi biblika, bħalma rajna, hija x-xbieha ta' Alla; it-tieni ħaġa, magħquda essenzjalment magħha, insibuha fix-xbieha tal-bniedem. Ir-rakkont bibbliku tal-ħolqien jitkellem fuq is-solitudni ta' Adam, l-ewwel bniedem, u Alla ried iqegħedlu għajnuna miegħu. Fost il-ħlejjaq kollha, ebda waħda ma tista' tkun dik l-għajnuna meħtieġa għalih, għalkemm huwa (Adam) kien ta isem lill-bhejjem selvaġġi kollha u lit-tajr kollu, u li b'dan għamilhom parti sħiħa minn ħajtu. Għalhekk, Alla b'kustilja tal-bniedem ifforma l-mara. Issa Adam isib l-għajnuna meħtieġa. "Din d-darba din hi għadma minn għadmi u laħam minn laħmi" (Ġen 2:23). Fuq l-isfond ta' dan ir-rakkont wieħed jista' jara ideat bħalma jidhru wkoll ngħidu aħna, fil-ħrafa mitoloġika li jsemmi Platun; skond hu fil-bidu l-bniedem kien tond, għaliex kien sħiħ fih innifsu u ma jonqsu xejn. Iżda minħabba s-suppervja tiegħu (il-bniedem) ġie maqsum fi tnejn minn Żews; b'hekk issa huwa jixxennaq għan-nofs l-ieħor tiegħu, u lejh jistinka fil-ġirja biex isib lilu nnifsu sħiħ [8] (kif kien). Fir-rakkont tal-Kotba Mqaddsa ma

tissemmiex piena; iżda billi l-bniedem b'xi mod huwa nieqes minn xi ħaġa, min-natura tiegħu stess huwa miġbud biex ifittex il-parti l-oħra li tagħmlu sħiħ, jiġifieri hemm dik l-idea li biss fl-għaqda mas-sess l-ieħor huwa jista' jsir 'sħiħ'. U hekk ir-rakkont bibliku jagħlaq bi profezija dwar Adam: "Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed" (Ġen 2: 24).

Hawnhekk jinsabu żewġ aspetti ta' importanza kbira: l-imħabba-*eros* b'xi mod għandha l-għeruq fl-istess natura tal-bniedem; Adam qed ifittex xi ħaġa u "jħalli lil missieru u lil ommu", biex isib il-mara; biss fl-għaqda waħda ta' l-umanità tagħhom huma jifformaw is-sħuħija ta' l-umanita'; isiru "ġisem wieħed". Mhi xejn inqas importanti t-tieni idea: f'orjentament mibni fil-ħolqien, l-imħabba-*eros* tmexxi l-bniedem lejn iż-żwieġ, jiġifieri lejn ċerta rabta li hi mmarkata b'mod waħdieni u definit. Hekk, u hekk biss, iseħħ l-għan intimu tal-bniedem. Iż-żwieġ bejn raġel wieħed u mara waħda jaqbel max-xbieha ta' Alla wieħed. Iż-żwieġ imsejjes fuq l-imħabba esklussiva u definita jsir ix-xbieha (ikona) tar-relazzjoni ta' Alla mal-poplu tiegħu u tal-poplu ma' Alla; il-mod kif Alla jħobb isir il-kejl tal-imħabba umana. Din ir-rabta stretta bejn l-imħabba – *eros* u ż-żwieġ fil-Kotba Mqaddsa kważi ma ssib xejn jixbahha fil-letteratura li m'għandhiex x'taqsam mal-Bibbja.

## Ġesù Kristu – l-imħabba ta' Alla saret bniedem

12. Għalkemm s'issa tkellimna l-aktar fuq it-Testment il-Qadim, b'danakollu t-taħlita tal-ħsibijiet taż-żewġ Patti bħala Skrittura waħda tal-fidi nisranija diġa' bdiet tidher. L-element ġdid tat-Testment il-Ġdid mhux qiegħed f'ideat ġodda, iżda fil-persuna ta' Kristu nnifsu, li ta ġisem u demm lil dawk l-ideat – realiżmu li qatt ma nstema' bħalu. Fit-Testment il-Qadim, l-element ġdid tal-Bibbja ma kienx jeżisti biss fi ħsibijiet astratti, iżda kien ġej mill-ħidma ta' Alla li ħadd ma jobsorha u b'xi mod li qatt ma nstemgħet. Issa dan l-għemil ta' Alla jieħu s-sura drammatika tiegħu billi, f'Ġesù Kristu, Alla nnifsu jsus wara "n-nagħġa l-mitlufa", jiġifieri wara l-umanita' mweġġgħa kif ukoll mitlufa. Meta Ġesù fil-parabboli tiegħu jitkellem fuq ir-ragħaj li jmur wara n-nagħġa l-mitlufa, fuq il-mara li tfittex id-drakma, fuq il-missier li joħroġ jilqa' lil ibnu l-ħali u jgħannqu, dawn mhux biss huma kliem, iżda fihom it-tifsira ta' l-istess eżistenza tiegħu u tal-għemil tiegħu. Fil-mewt tiegħu (ta' Ġesù) fuq is-salib jitwettaq il-fatt li Alla dar kontra tiegħu nnifsu; f'dan Hu jagħti lilu nnifsu biex jerfa' l-bniedem u

Fil-mewt tiegħu (ta' Ġesù) fuq is-salib jitwettaq il-fatt li Alla dar kontra tiegħu nnifsu; f'dan Hu jagħti lilu nnifsu biex jerfa' l-bniedem u jsalvah – din hi l-imħabba fil-għamla tagħha l-aktar radikali. Il-ħarsa msammra fuq il-ġenb midrub ta' Kristu, tifhem dak li ta bidu għal din l-Enċiklika: "Alla huwa mħabba"

jsalvah – din hi l-imħabba fil-għamla tagħha l-aktar radikali. Il-ħarsa msammra fuq il-ġenb midrub ta' Kristu, li tissemma fi Ġwanni (ara 19:37) tifhem dak li ta bidu għal din l-Enċiklika: "Alla huwa mħabba" (1 Ġw 4:8). Proprju hemm wieħed jista' jikkontempla din il-verita'. Proprju minn hemm wieħed għandu jibda biex ifisser x'inhi l-imħabba. Meta jibda b'din il-kontemplazzjoni, in-nisrani jsib it-triq għall-għajxien u għall-imħabba tiegħu.

13. Lil dan l-għemil ta' offerta Ġesù tah preżenza li tibqa' permezz ta' l-Ewkaristija li Hu waqqaf fl-Aħħar Ċena. Huwa antiċipa l-mewt u l-qawmien tiegħu waqt li lid-dixxipli tahom lilu nnifsu, il-ġisem u d-demm tiegħu bħala l-manna ġdida (ara Ġw 6: 31-33). Jekk id-dinja tal-qedem kienet toħlom li fl-aħħar mill-aħħar l-ikel tassew tal-bniedem – dak li bih jgħix bħala bniedem – kien il-*Logos*, l-Għerf ta' dejjem, issa dan il-*Logos* sar tassew ikel għalina – bħala mħabba. L-Ewkaristija tiġbidna fl-għemil tal-offerta ta' Ġesù. Aħna ma nirċevux biss b'mod statiku l-*Logos* li sar bniedem, iżda niġu involuti fil-qawwa ta' l-offerta tiegħu nnifsu. Ix-xbieha taż-żwieġ bejn Alla u Iżrael issir realta' b'mod li qabel ħadd ma kien jobsru: dak li qabel kien ifisser toqgħod fil-preżenza ta' Alla, issa sar għaqda (ma' Alla) bis-sehem li tana Ġesù fl-offerta tiegħu nnifsu. Il-"mistika" ta' dan is-Sagrament mibnija fuq l-umiljazzjoni ta' Alla sa ħdejna hija għal kollox differenti u twassal ħafna aktar 'il fuq minn kull irfigħ mistiku li l-bniedem jista' jilħaq.

14. Iżda issa ta' min iqis aspett ieħor: in-natura mistika tas-Sagrament hi ta' karattru soċjali, għaliex fit-tqarbina sagramentali fil-waqt li jiena ningħaqad mal-Mulej ningħaqad flimkien ma' l-oħrajn kollha li jitqarbnu. Bħalma jgħid San Pawl: "Għax la l-ħobża hi waħda, aħna li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed; ilkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda" (1 Kor 10:17). L-għaqda ma' Kristu hi fl-istess ħin għaqda ma' l-oħrajn kollha li (Ġesù) jagħtihom lilu nnifsu. Jiena ma nistax ikolli lil Kristu għalija waħdi. Jiena nista' nkun tiegħu biss billi nkun magħqud ma' dawk kollha li saru jew li jsiru tiegħu. It-tqarbina toħroġni barra minni nnifsi lejh, u hekk ukoll tmexxini lejn l-għaqda ma' l-insara kollha. Insiru "ġisem wieħed" magħqudin flimkien f'eżistenza waħda. L-imħabba lejn Alla u l-imħabba lejn il-proxxmu issa tassew jingħaqdu flimkien: Lilna lkoll Alla li sar bniedem jiġbidna lejh. Minn dan wieħed jifhem kif *agape* issa saret ukoll isem għall-Ewkaristija: fiha l-imħabba-*agape* ta' Alla tersaq lejna f'ġisem biex ikompli



l-ħidma tiegħu fina u bina. Huwa biss meta nibdew minn dan is-sies kristoloġiku u sagramentali li wieħed jista' jifhem sewwa t-tagħlim ta' Ġesù fuq l-imħabba. Il-bidla li Huwa għamel mil-Liġi u l-Profeti għall-kmandament doppju ta' l-imħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu, jiġifieri r-realta' kollha tal-fidi li toħroġ minn dan il-kmand, li hu l-qofol tagħha, mhix sempliċiment morali li mbagħad tista' toqgħod għaliha waħedha ma' ġenb il-fidi fi Kristu u ma' ġenb it-twettiq attwali tagħha: il-fidi, il-qima u l-*ethos* (spirtu distintiv) qishom jitħalltu flimkien bħala realta' waħda, li tieħu l-forma meta tiltaqa' ma' l-imħabba-*agape* ta' Alla. L-oppożizzjoni tas-soltu tal-qima u l-etika hawnhekk tisfa fix-xejn. Fl-istess "qima" (kult), fit-tqarbina Ewkaristika hemm il-fatt reali li aħna maħbubin u li għandna nħobbu wkoll lill-oħrajn. Ewkaristija li ma tgħaddix għal imħabba mwettqa fil-prattika hija mfarrka fiha nnifisha. Sew minn naħa sew mill-oħra – bħalma għad naraw b'mod aktar dettaljat – "il-kmandament" ta' l-imħabba jsir possibbli biss għaliex hu mhux biss ħtieġa, imma iktar: l-imħabba tista' tkun "ikkmandata" għaliex l-ewwel tingħata bħala don.

15. Dan il-prinċipju jagħti l-bidu biex nifhmu l-parabboli l-kbar ta' Ġesù. L-għani xalatur (ara Lq 16:19-31) mill-post tat-turmenti tiegħu talab biex ħutu jkunu jafu dwar dak li jiġri lil min bla mistħija ma jagħtix kas tal-fqir fil-bżonn. Ġesù jaqbad din il-karba għall-għajnuna bħala twissija biex induru lejn it-triq it-tajba. Il-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb (ara Lq 10:25-37) tiċċara żewġ punti partikolari importanti. Sa dak iż-żmien, l-idea ta' "proxxmu" kienu jifhmuha li tirreferi għan-nies tal-pajjiż, u għall-barranin li kienu ġew joqogħdu fl-art ta' Iżrael; fi kliem ieħor, (tirreferi) għall-komunita' magħquda sewwa ta' pajjiż wieħed u ta' poplu wieħed; issa dawn il-fruntieri twarrbu. Jekk xi ħadd għandu bżonni, u jien nista' ngħinu, huwa proxxmu tiegħi. Issa fl-idea ta' proxxmu jidħol kulħadd, u b'danakollu tibqa' reali. Minkejja li twessgħet għall-bnedmin kollha, ma ġietx limitata għal tifsira ta' xi mħabba inċerta u astratta mill-inqas impenjata, iżda tistenna l-ħidma tiegħi, li jien għandi nagħti hawnhekk, issa. Jibqa' dmir tal-Knisja li tfisser mill-ġdid din ir-rabta bejn il-qrib u l-bogħod meta tqis il-ħajja attwali ta' kuljum tal-membri tagħha. Fl-aħħar, aħna għandna nsemmu b'mod speċjali l-parabbola kbira ta' l-Aħħar Ġudizzju (ara Mt 25:31-36), li fiha l-imħabba dwar it-tajjeb jew in-nuqqas tiegħu fil-ħajja umana ssir l-għażla għal deċiżjoni finali. Ġesù sar ħaġa waħda ma' dawk fil-ħtieġa, ma' min hu bil-ġuħ, bil-għatx, barrani, għeri, marid u fil-ħabs. "Kull ma għamiltu

ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi" (ara Mt 25, 40). L-imħabba ta' Alla kif ukoll tal-proxxmu saru mħabba waħda; fiż-żgħar nett insibu lil Ġesù nnifsu, u f'Ġesù nsibu 'l Alla.

16. *L-imħabba ta' Alla u l-imħabba tal-proxxmu*
Wara li ħsibna fuq l-essenza ta' l-imħabba u t-tifsira tagħha fil-fidi biblika, baqa' mistoqsija doppja dwar l-imġiba tagħna : nistgħu forsi nħobbu 'l Alla, għalkemm Hu ma jidhirx? Ukoll: tista' l-imħabba tkun ikkmandata? Dawn il-mistoqsijiet iqajmu obbjezzjoni doppja kontra l-kmandament doppju ta' l-imħabba. Qatt ħadd ma ra 'l Alla, għalhekk kif nistgħu nħobbuh? Barra dan, l-imħabba ma tistax tiġi kkmandata; fl-aħħar mill-aħħar hi ġibda tal-qalb li tista' tkun jew ma tkunx hemm, u lanqas tista' tiġi mir-rieda. Jidher li l-Iskrittura Mqaddsa ssaħħaħ l-ewwel obbjezzjoni, meta tgħid: "Jekk xi ħadd jgħid: 'Jiena nħobb 'l Alla', u jobgħod lil ħuh, dan ikun giddieb; għax min ma jħobbx lil ħuh li jara, kif jista' jħobb lil Alla, li hu qatt ma rah?" (1 Ġw 4:20). Iżda din is-sentenza bl-ebda mod ma twarrab l-imħabba ta' Alla bħala xi ħaġa impossibbli; bil-maqlub, f'dak kollu li nkiteb fl-*Ewwel Ittra ta' Ġwanni* li semmejna, din l-imħabba hija meħtieġa b'mod ċar. Ir-rabta li ma tistax tinħall bejn l-imħabba ta' Alla u l-imħabba tal-proxxmu tingħata iktar saħħa. Waħda hi hekk marbuta fil-qrib ma' l-oħra li ssir gidba li wieħed jgħid li jħobb 'l Alla, jekk jagħlaq qalbu għall-proxxmu jew ukoll jobogħdu. Il-vers ta' Ġwanni għandu aktar jiftiehem fis-sens li l-imħabba tal-proxxmu hija triq biex niltaqgħu wkoll ma' Alla u li għeluq l-għajnejn quddiem il-proxxmu jagħmilna wkoll għomja quddiem Alla.

17. Tabilħaqq, ħadd qatt ma ra 'l Alla kif inhu. B'danakollu Alla mhux totalment inviżibbli għalina, ma baqax hekk fil-bogħod għalina li ma nistgħux nilħquh. Alla kien li ħabbna l-ewwel, tgħid *l-Ittra ta' Ġwanni* li semmejna qabel (ara 4:10), u din l-imħabba ta' Alla wriet ruħha lilna. Huwa sar viżibbli billi "Alla bagħat lil Ibnu l-waħdieni fid-dinja, biex ngħixu bih" (1 Ġw 4:9). Alla sar viżibbli: f'Ġesù aħna nistgħu naraw il-Missier (ara Ġw 14:9). Tabilħaqq, Alla jidher f'għadd ta' modi. Fl-istorja ta' mħabba li l-Bibbja tirrakkonta Hu nnifsu ġie jiltaqa' magħna, huwa jfittex li jiksibna għalih – sa l-Aħħar Ċena, sakemm Qalbu tniffdet fuq is-salib, sad-dehriet tiegħu mqajjem mill-mewt, sa l-għemejjel kbar li bihom Hu, bil-ħidma ta' l-Appostli qabbad it-triq lill-Knisja fi twelidha. Hekk ukoll fis-snin ta' wara fl-istorja tal-Knisja, il-Mulej ma nsibuhx nieqes: Huwa jiltaqa' magħna

Tabilħaqq, ħadd qatt ma ra 'l Alla kif inhu. B'danakollu Alla mhux totalment inviżibbli għalina, ma baqax hekk fil-bogħod għalina li ma nistgħux nilħquh. Alla kien li ħabbna l-ewwel … u din l-imħabba ta' Alla wriet ruħha lilna. Huwa sar viżibbli billi "Alla bagħat lil Ibnu l-waħdieni fid-dinja, biex ngħixu bih"

mill-ġdid – fil-bnedmin li fihom jidher; fil-Kelma tiegħu, fis-Sagramenti, u bl-aqwa mod fl-Ewkaristija. Fil-liturġija tal-Knisja, fit-talb tagħha, fil-komunita' ta' dawk li jemmnu, aħna nġarrbu l-imħabba ta' Alla, nilmħu l-preżenza tiegħu u hekk ukoll nitgħallmu nagħrfuha fil-ħajja ta' kuljum. Kien hu l-ewwel li ħabbna u jibqa' l-ewwel li jħobbna; għalhekk aħna wkoll nistgħu nweġbuh bl-imħabba. Alla ma jordnalniex xi sentiment tal-qalb li aħna ma nistgħux inqanqlu fina. Huwa jħobbna, jgħinna naraw u nħossu mħabbtu, u billi kien Hu "l-ewwel li ħabbna", l-imħabba tista' wkoll tiżhar fina bħala tweġiba.

Fit-tkattir ta' din il-laqgħa jidher ċar li l-imħabba mhix biss ġibda tal-qalb. Il-ġibdiet tal-qalb jiġu u jmorru. Ġibda tista' tkun l-ewwel xrara meraviljuża, iżda ma tiġborx fiha l-imħabba kollha. Fil-bidu tkellimna dwar il-proċess ta' tisfija u maturità li bih l-imħabba-*eros* tilħaq għal kollox dak li għandha tkun, issir imħabba skond it-tifsira sħiħa tal-kelma. Huwa sinjal ta' maturità fl-imħabba li tħaddan u ddaħħal il-ħiliet kollha tal-bniedem, biex ngħidu hekk, tinvolvi l-bniedem kollu kemm hu. Il-kuntatt mad-dehriet viżibbli ta' l-imħabba ta' Alla jistgħu jqajmu fina sens ta' ferħ, li jiġi mill-fatt li aħna maħbubin. Iżda din il-laqgħa tinvolvi wkoll ir-rieda u d-dehen tagħna. L-għarfien ta' Alla ħaj huwa triq waħda lejn l-imħabba, u l-iva tar-rieda tagħna lir-rieda tiegħu tgħaqqad id-dehen, ir-rieda u l-għożża f'att ta' mħabba li jiġbor kollox fih. Iżda dan il-proċess jibqa' sejjer bla waqfien: l-imħabba qatt ma tintemm u tkun perfetta; tinbidel ma' tul il-ħajja, tikber u għalhekk tibqa' fidila lejha nfisha. *Idem velle atque idem nolle* [9] – tkun trid l-istess ħaġa u twarrab l-istess ħaġa; b'dan il-kliem in-nies tal-qedem għarfu t-tifsira ġenwina ta' l-imħabba: wieħed isir jixbah lill-ieħor, dan iwassal għal għaqda fir-rieda u l-ħsieb. L-istorja ta' l-imħabba bejn Alla u l-bniedem tinġabar fil-fatt innifsu li din l-għaqda ta' volontajiet tikber f'għaqda ta' ħsieb u ta' sentiment u, hekk, ir-rieda tagħna u r-rieda ta' Alla jkunu jaqblu dejjem iżjed; ir-rieda ta' Alla issa ma tkunx aktar rieda barranija għalija, xi ħaġa imposta fuqi minn barra bil-kmandamenti, iżda issa hi l-istess rieda tiegħi, mibnija fuq l-esperjenza li, tabilħaqq, Alla hu aktar preżenti ġewwa fija milli jien fija nnifsi. [10] Imbagħad tikber l-għotja personali lil Alla, u Alla jsir il-ferħ tagħna (ara Salm 73 [72]: 23-28).

18. Hekk l-imħabba tal-proxxmu, kif imxandra mill-Iskrittura Mqaddsa, minn Ġesù, tidher possibbli. Hija tinsab proprju fil-fatt li, f'Alla u ma' Alla, jiena nħobb ukoll il-persuna li ma togħġobnix u lanqas naf. Dan jista' jseħħ biss billi nduru fuq il-għaqda intima tagħna ma' Alla, fejn din il-laqgħa saret qbil fir-rieda u waslet ukoll sa l-għożża mill-qalb. F'dan il-każ jiena nitgħallem inħares lejn persuna oħra mhux aktar b'għajnejja u bis-sentimenti tiegħi, iżda skond il-kejl ta' Ġesù Kristu. Il-ħabib tiegħu hu ħabib tiegħi. 'Il fuq mid-dehra ta' barra, jiena nilmaħ fl-oħrajn stennija ġo qalbhom għal att ta' mħabba, ta' attenzjoni. Nista' nurihom u noffrilhom dan mhux biss permezz ta' għaqdiet dedikati għal dak il-għan, waqt li forsi jaċċettawh bħala bżonn politiku. Jiena nħares bil-għajnejn ta' Kristu u nista' nagħti lil ħaddieħor aktar minn dak kollu li hu ta' ħtieġa esterna; nista' nagħtih ħarsa ta' mħabba li hu tant imxennaq għalija. Hawnhekk tidher il-ħtieġa ta' azzjoni minn naħa u minn oħra bejn l-imħabba ta' Alla u l-imħabba ta' għajrna, li tissemma b'insistenza fl-*Ewwel Ittra ta' Ġwanni*. Jekk il-kuntatt tiegħi ma' Alla huwa nieqes għal kollox f'ħajti, nista' biss dejjem nara f'ħaddieħor lil dak li jkun biss, iżda ma nasalx biex nagħraf fih ix-xbieha ta' Alla. Iżda jekk f'ħajti niskarta għal kollox li nagħti kas ta' ħaddieħor, waqt li nixtieq inkun "devot" waħdi u nkun nixtieq inwettaq "id-dmirijiet reliġjużi" tiegħi, imbagħad żgur li r-relazzjoni ma' Alla tinxef ukoll. Dan il-kuntatt ikun biss "ħaġa sewwa", iżda nieqes mill-imħabba. Il-ħeffa biss li biha nersaq lejn għajri, biex nurih l-imħabba, tagħmilni wkoll bniedem li jħoss 'l Alla. Huwa biss jekk naqdi lil għajri li għajnejja jistgħu jinfetħu għal dak li Alla jagħmel miegħi u għal kemm iħobbni. Il-Qaddisin – naħsbu per eżempju fil-Beata Tereża ta' Kalkutta – xorbu bla waqfien il-qawwa mġedda li jħobbu l-proxxmu mill-kuntatt mal-Mulej fl-Ewkaristija, u min-naħa l-oħra dan il-kuntatt ġab fihom it-twettiq tal-virtù u ta' l-għoli personali tagħhom fis-servizz li taw lill-oħrajn. L-imħabba ta' Alla u l-imħabba tal-proxxmu ma jistgħux jinfirdu; huma kmandament wieħed. Iżda t-tnejn jgħixu bl-imħabba li ġejja minn Alla li ħabbna l-ewwel. Għalhekk mhix aktar kwistjoni ta' "kmandament" impost minn barra, u li jordnalna l-impossibbli, iżda esperjenza ta' imħabba, mogħtija minn ġewwa, kif ukoll imħabba li min-natura tagħha għandha tinqasam bil-qalb ma' l-oħrajn. L-imħabba tikber bl-imħabba. L-imħabba hija "divina", għaliex toħroġ minn Alla, u din tgħaqqad lilna ma' Alla; f'dan il-proċess ta' għaqda qisu jibdilna "f'Aħna"; dan jisboq il-firdiet tagħna u jagħmilna ħaġa waħda sakemm fl-aħħar Alla jkun "kollox f'kulħadd" (1 Kor 15:28).



# IT-TIENI TAQSIMA

**L-Imħabba – Caritas**
**It-Taħriġ ta' l-Imħabba mill-Knisja bħala "komunità ta' Mħabba"**

## Il-ħidma ta' karità tal-Knisja bħala wirja ta' l-imħabba fit-Trinità

19. "Jekk tara l-karità, inti tara t-Trinità", kiteb Santu Wistin [11]. Fil-ħsibijiet ta' qabel stajna nsammru ħarsitna fuq Ġesù Msallab (ara Ġw 19:37; Żak 12:10) waqt li nagħrfu l-pjan tal-Missier li mqanqal mill-imħabba (ara Ġw 3:16) bagħat lil Ibnu l-waħdieni fid-dinja biex jifdi l-bniedem. Meta kien qed imut fuq is-Salib – kif jgħidilna San Ġwann – Ġesù "radd ruħu" (Ġw 19:30); dan wera minn qabel dik l-għotja ta' l-Ispirtu s-Santu li Hu kellu jagħmel wara l-Qawmien (Ġw20: 22). Dan kellu jwettaq il-wegħda "ta' xmajjar ta' ilma ħaj", li kellhom joħorġu minn qlub dawk li jemmnu minħabba l-Ispirtu msawwab fihom bil-kotra (Ġw 7:38-39). Għax l-Ispirtu huwa dik il-qawwa interna li tlaqqa' l-qlub tagħhom mal-qalb ta' Kristu u tqanqalhom biex iħobbu lill-aħwa bħalma ħabbhom Kristu, meta tbaxxa biex jaħsel riġlejn id-dixxipli (ara Ġw 13: 1-13) u fuq kollox meta ta ħajtu għal kulħadd (ara 13:1; 15:13).

Hija wkoll il-qawwa ta' l-Ispirtu li tbiddel il-qalb tal-komunità ekkleżjali, biex tkun fid-dinja xhieda ta' l-imħabba tal-Missier; f'Ibnu Huwa jixtieq jagħmel familja waħda minn nisel il-bniedem. Kull ħidma tal-Knisja hija stqarrija ta' mħabba li tfittex il-ġid totali tal-bniedem: hija tfittex li tevanġelizzah bil-Kelma u bis-Sagramenti, biċċa xogħol kultant erojka fil-mod kif titwettaq fil-ġrajjiet storiċi; u tfittex il-progress tal-bniedem fl-oqsma tal-ħajja u l-ħidma umana. Għalhekk l-imħabba hi s-servizz li l-Knisja twettaq biex tgħin bla waqfien il-bniedem fit-tbatija u l-bżonnijiet, anki fil-materjali. U fuq dan l-aspett, fuq dan *is-servizz ta' Karità*, jiena nixtieq niffoka f'din it-tieni taqsima tal-Enċiklika.

## Il-Karità dmir tal-Knisja

20. L-imħabba tal-proxxmu bl-għeruq tagħha fl-imħabba ta' Alla hi qabel kollox dmir għal kull min jemmen, iżda hija wkoll dmir f'kull livell tal-komunità kollha tal-Knisja: mill-komunità lokali għall-Knisja partikolari u sal-Knisja kollha universali. Bħala komunità, il-Knisja għandha twettaq l-imħabba. Minn dan jiġi li l-imħabba għandha wkoll ħtieġa ta' organizzazzjoni, biex tkun servizz ordinat għall-komunità. L-għarfien ta' dan id-dmir kellu importanza essenzjali fil-Knisja sa mill-bidu tagħha: "Dawk kollha li kienu jemmnu kienu ħaġa waħda, u kienu jaqsmu kollox bejniethom, ibigħu ġidhom u jqassmu d-dħul bejn kulħadd skond il-ħtieġa ta' kull wieħed" (ara Atti 2:44-45). Meta Luqa jirrakkontalna dan, huwa jagħtina definizzjoni tal-Knisja, li fost l-elementi essenzjali tagħha hemm ir-rabta sħiħa "fit-tagħlim ta' l-appostli", "fl-għaqda ta' bejniethom" (*koinonia*), "fil-qsim tal-ħobż" u "fit-talb" (ara Atti 2:42). Hawnhekk l-element "ta' l-għaqda ta' bejniethom" (*koinonia*) mhux ċar għall-bidu, imma jidher reali mill-versi msemmija iżjed 'il fuq; tidher sewwa fil-fatt li dawk li emmnu għandhom kollox flimkien u fosthom mhemmx aktar id-differenza bejn għonja u foqra (ara Atti 4: 32-37). Tassew li meta l-Knisja bdiet tikber din il-għamla radikali ta' għaqda materjali bejniethom ma setgħetx tinżamm aktar. Iżda l-qofol tagħha baqa': fil-komunità ta' dawk li jemmnu ma għandu jkun hemm ebda għamla ta' faqar b'mod li jiġu mċaħħda lil xi ħadd dawk il-ħtiġijiet biex jgħaddi ħajja xierqa.

21. Fit-tiftix diffiċli għal soluzzjoni biex jitwettaq dan il-prinċipju fil-Knisja, deher pass deċiżiv f'dik il-għażla tas-sebat irġiel li kien il-bidu għas-servizz tad-djakni (ara Atti 6: 5-6). Fil-fatt, fil-Knisja bikrija fit-tqassim ta' kull jum lir-romol, inħoloq nuqqas ta' qbil bejn dawk li jitkellmu bil-Lhudi u dawk li jitkellmu bil-Grieg. L-appostli, li qabel kollox kien ġie afdat lilhom "it-talb" (L-Ewkaristija u l-Liturġija) u "l-ministeru tal-kelma", ħassewhom mgħobbijin wisq "bil-qadi fl-imwejjed"; għalhekk huma stess qatgħuha li jżommu għalihom il-ħidma tagħhom ewlenija, u jwaqqfu grupp ta' sebat irġiel għas-servizz l-ieħor, meħtieġ ukoll fil-Knisja. B'danakollu dan il-grupp ma kellux biss iwettaq servizz imħarreġ ta' tqassim: kellhom ikunu rġiel "mimlijin bl-Ispirtu u bl-għerf" (ara Atti 6: 16). Dan ifisser li s-servizz soċjali li kellhom iwettqu kien għal kollox reali; għalkemm bla dubju l-ħidma tagħhom kienet fl-istess ħin tassew spiritwali wkoll; għaliex kienet tkompli l-ħidma tal-Knisja, jiġifieri s-servizz ta' mħabba magħmul sewwa lill-proxxmu. Bit-trawwim ta' dan il-grupp tas-Sebgħa, id-*djakonija* – jiġifieri servizz ta' mħabba lill-proxxmu magħmul fil-komunità u b'mod ordinat – issa diġa' kienet saret parti mill-istruttura fondamentali tal-Knisja nnifisha.



22. Mal-mogħdija tas-snin u l-firxa dejjem tikber tal-Knisja, it-twettiq tal-karità ssaħħaħ bħala wieħed mill-oqsma essenzjali tagħha, flimkien ma' l-amministrazzjoni tas-Sagramenti u x-xandir tal-Kelma: il-ħidma tal-karità lir-romol u l-orfni, lill-priġunieri, lill-morda u lil dawk kollha fil-ħtieġa ta' għajnuna, hi hekk essenzjali għall-Knisja daqs is-servizz tas-Sagramenti u x-xandir ta' l-Evanġelju. Il-Knisja ma tistax tiċħad it-twettiq tal-karità bħalma ma tistax titlaq is-Sagramenti u l-Kelma. Biżżejjed ftit eżempji biex nuru dan. San Ġustinu Martri (miet għall-ħabta tas-sena 155) meta jitkellem dwar iċ-ċelebrazzjoni tal-Ħadd fost l-insara, isemmi wkoll il-ħidma karitattiva tagħhom, marbuta ma' l-istess Ewkaristija. Kull min seta', kien joffri skond il-mezzi tiegħu, kull wieħed kemm irid; imbagħad l-Isqof kien juża dan biex jgħin l-orfni, ir-romol, u dawk li mgħobbijin bil-mard jew għal raġunijiet oħra, kienu fil-ħtieġa, bħall-priġunieri kif ukoll il-barranin [12]. Tertulljanu, kittieb kbir nisrani (miet wara s-sena 220) jirrakkonta kif lill-pagani kienet tolqothom il-ħeġġa ta' l-insara għal kull tip ta' nies fil-bżonn [13]. U meta Sant'Injazju ta' Antijoka (miet ħabta tas-sena 107) ifisser li l-Knisja Rumana hi dik "li tippresjiedi fil-karità (*agape*)" [14] b'din it-tifsira wieħed jista' jqis li hu kellu f'moħħu li b'xi mod jitkellem fuq il-ħidma karitattiva reali tagħha.

23. Hawnhekk jista' jkun ta' siwi li nsemmu l-istrutturi legali bikrija li kellhom x'jaqsmu mal-ħidma ta' karità fil-Knisja. Madwar nofs is-seklu erbgħa fl-Eġittu bdiet dik li jsejħulha *diakonia*: din hija istituzzjoni f'kull monasteru, responsabbli għal kull ħidma ta' għajnuna, jiġifieri għas-servizz tal-karità. Sas-seklu sitta din l-istituzzjoni żviluppat f'korporazzjoni mogħnija b'setgħa ġuridika sħiħa, u l-awtorità ċivili nnifisha afdat lilha parti mill-qamħ għat-tqassim pubbliku. Fl-Eġittu mhux biss kull monasteru imma wkoll kull djoċesi waslet li jkollha *d-diakonia* tagħha; wara, din l-istituzzjoni żviluppat sew fil-Lvant sew fil-Punent. Il-Papa Gregorju l-Kbir (miet fis-sena 604) isemmi d-*diakonia* ta' Napli. F'Ruma nsibu dokumenti dwar id-*diakoniji* mis-sekli sebgħa u tmienja. Iżda qabel, u fil-fatt sa mill-bidu, is-servizz ta' għajnuna lill-foqra u l-batuti kien parti essenzjali tal-Knisja Rumana, skond il-prinċipji tal-ħajja nisranija li nsibu fl-*Atti ta' l-Appostli*. Id-djaknu Lawrenz innifsu (miet fis-sena 258) wettaq dan id-dmir

b'ħeġġa l-aktar kbira. Ix-xena drammatika tal-martirju tiegħu kien jaf biha Sant' Ambroġ (miet fis-sena 397) u fil-qalba tagħha turina tassew ix-xbieha awtentika tal-Qaddis. Wara l-arrest tal-Papa u tad-djakni sħab Lawrenz, lil dan bħala responsabbli biex jieħu ħsieb il-foqra ta' Ruma, tawh ċertu żmien biex jiġbor it-teżori tal-Knisja u jagħtihom lill-awtorità ċivili. Huwa qassam lill-foqra l-ġbir kollu li sab lest u wara lill-awtoritajiet ressqilhom il-foqra nfushom bħala l-veru teżor tal-Knisja [15]. Hi x'inhi l-opinjoni dwar il-probabbiltà storika ta' din il-ġrajja liema bħalha, Lawrenz baqa' dejjem preżenti fil-memorja tal-Knisja bħala promutur kbir tal-karità ekkleżjali.

24. Mit-tifkiriet ta' l-Imperatur Ġuljanu l-Apostata (miet fis-sena 363) wieħed jista' jsemmi wkoll kemm il-karità mħaddma sewwa kienet essenzjali għall-Knisja ta' l-ewwel sekli. Meta kien għadu tifel ta' sitt snin Ġuljanu kien preżenti għall-qtil ta' missieru, ta' ħuh u oħrajn tal-familja, imwettqa mill-gwardjani tal-palazz imperjali; sewwa jew le, għal dan l-għemil brutali huwa waħħal fl-Imperatur Konstanzju, li kien jidhirlu li hu nisrani mill-kbar. Għalhekk hu (Ġuljanu) kien iqis li l-fidi nisranija mhix ta' min jemminha aktar. Meta laħaq imperatur, għamel f'rasu li jerġa' jdaħħal il-paganiżmu, ir-reliġjon qadima ta' Ruma, iżda fl-istess ħin iġeddu biex dan jista' jsir tassew il-qawwa li tmexxi l-imperu. F'dan il-proġett huwa kien imnebbaħ bil-bosta mir-reliġjon nisranija. Huwa waqqaf ġerarkija ta' metropoliti u qassisin. Il-qassisin kellhom jieħdu ħsieb ikattru l-imħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu. F'waħda mill-ittri tiegħu [16], kiteb li l-għemil waħdieni li laqtu ħafna fir-Reliġjon nisranija kien il-ħidma ta' karità fil-Knisja. Għalhekk kellu jkun aspett importanti għall-kult pagan ġdid tiegħu li jibni sistema fir-reliġjon tiegħu li tkun tixbah il-ħidma ta' karità fil-Knisja. "Il-Galilin" – hu kien jistqarr – kien b'dan il-mod li kisbu isem. Għal din ir-raġuni huma mhux biss ta' min jixbahhom, iżda wkoll ta' min jgħaddihom. Għalhekk b'dan il-mod l-imperatur tenna li l-karità hija sinjal deċiżiv tal-komunità nisranija, tal-Knisja.

25. S'issa mill-ħsibijiet tagħna joħorġu żewġ fatti essenzjali:

a) Il-qalba tan-natura tal-Knisja tidher fi tliet dmirijiet: ix-xandir tal-Kelma ta' Alla (*kerygma* – *martyria*), iċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti (*leitourgia*) u s-servizz tal-karità (*diakonia*). Huma dmirijiet li jinvolvu lil xulxin u ma jistgħux jinfirdu. Għall-Knisja, il-karità mhix għamla ta' ħidma soċjali li tista' titħalla f'idejn oħrajn, iżda hi min-natura stess tagħha, hi espressjoni indispensabbli ta' l-istess natura tagħha. [17]



b) Il-Knisja hija l-familja ta' Alla fid-dinja. F'din il-familja m'għandu jkun hemm ħadd li jbati minħabba l-għaks. Iżda fl-istess ħin l-imħabba-*agape* taqbeż il-fruntieri tal-Knisja. Il-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb tibqa' bħala riga li tordna mħabba universali li tilħaq il-bniedem fil-bżonn li niltaqgħu miegħu "b'kumbinazzjoni" (ara Lq 10:31), hu min hu. Mingħajr ma tnaqqas xejn minn dan il-kmandament ta' l-imħabba universali, il-Knisja għandha wkoll responsabbiltà preċiża – jiġifieri dik li fiha bħala familja ekkleżjali ebda membru m'għandu jbati minħabba l-għaks. F'dan is-sens tiswa ħafna t-tagħlima ta' l-*Ittra lill-Galatin*: "Mela dment li għandna ż-żmien ħa nagħmlu l-ġid ma' kulħadd, l-aktar ma' qrabatna fil-fidi" (6:10).

## Il-Ġustizzja u l-Karità

26. Mis-seklu dsatax 'l hawn, tqajmet obbjezzjoni kontra l-għemejjel tal-karità tal-Knisja; wara, din l-obbjezzjoni żviluppat b'insistenza l-aktar minħabba l-prinċipji marxisti li fuqhom tistrieħ. Kienu jgħidu li l-foqra m'għandhomx bżonn ta' opri ta' karità iżda ta' ġustizzja. Fil-fatt, l-għemejjel ta' karità – l-għoti ta' flus – huma mod għall-għonja biex jiskartaw dmirhom li jaħdmu għall-ġustizzja u jserrħu l-kuxjenza, waqt li jżommu l-qagħda tagħhom u jiksru jeddijiet il-foqra. Kienu jaħsbu li aktar milli wieħed jgħin fil-qagħda tal-ħajja ta' llum permezz ta' għemejjel individwali ta' karità, jeħtieġ jinbena ordni soċjali ġdid, li fih kulħadd jieħu sehmu mill-ġid tad-dinja biex (ħadd) ma jkollu ħtieġa aktar ta' l-għemejjel ta' karità. F'dan l-argument, jeħtieġ ngħiduha, hemm dak li hu minnu, iżda wkoll dak li mhux minnu. Huwa minnu li t-tħabrik għall-ġustizzja għandu jkun ir-regola fundamentali ta' l-Istat u l-għan ta' ordni soċjali ġust hu li jassigura lil kull wieħed is-sehem li jmissu mill-ġid komuni, skond il-prinċipju tas-sussidjarjeta'. Dan kien dejjem rikmandat mit-tagħlim nisrani fuq l-Istat u mit-tagħlim soċjali tal-Knisja. Storikament il-kwistjoni ta' l-ordni ġust tal-komunità soċjali daħlet f'sitwazzjoni ġdida wara l-formazzjoni tas-soċjeta' industrijali fis-seklu dsatax. Id-dħul ta' l-industrija moderna qered l-istrutturi soċjali l-qodma u bil-kotra tal-ħaddiema bil-paga ħolqot bidla radikali fit-tiswir tas-soċjetà, li fiha r-relazzjoni bejn il-kapital u x-xogħol saret il-kwistjoni deċiżiva – kwistjoni li qabel ma kinux jafu biha taħt din is-sura. L-istrutturi ta' produzzjoni u kapital issa saru s-setgħa l-ġdida, li, afdata f'idejn il-ftit, ġabet iċ-ċaħda tad-drittijiet lill-ġmiegħi ta' ħaddiema; kien jaqbel iqumu kontriha.

Fil-qagħda diffiċli li fiha ninsabu llum ukoll minħabba l-globalizzazzjoni ta' l-ekonomija, it-tagħlim soċjali tal-Knisja sar ġabra ta' tagħlim fundamentali, li joffri direzzjoni soda anki 'l barra minnha.



27. Huwa sewwa li nammettu li l-mexxejja tal-Knisja fehmu biss bil-qajla li l-problema ta' struttura ġusta tas-soċjetà kellha tkun proposta b'mod ġdid. B'dankollu ma naqsux xi pijunieri li fosthom, per eżempju, kien hemm l-Isqof Ketteler ta' Mainz (miet fl-1877). Bħala tweġiba għall-ħtiġijiet reali qamu wkoll gruppi, għaqdiet, unjonijiet, federazzjonijiet u l-aktar kongregazzjonijiet reliġjużi ġodda, li fis-seklu dsatax indaħlu għax-xogħol kontra l-faqar, il-mard u l-kondizzjonijiet li baqgħu lura fil-qasam ta' l-edukazzjoni. Fis-sena 1891 l-maġisterju pontifiċju daħal f'din ix-xena permezz ta' l-Enċiklika *Rerum Novarum* ta' Ljun XIII. Warajha fl-1931 ġiet l-Enċiklika *Quadragesimo Anno* ta' Piju XI. Fl-1961 il-Beatu Ġwanni XXIII ħareġ l-Enċiklika *Mater et Magistra*; wara, fis-sena 1967, Pawlu VI fl-Enċiklika *Populorum Progressio*, u fis-sena 1971 fl-Ittra Appostolika *Octogesima Adveniens* ħadha bil-qawwa kontra l-kwistjoni soċjali, li sa dak iż-żmien kienet ħraxet fl-Amerika Latina. Il-kbir predeċessur tagħna Ġwanni Pawlu II ħallielna triloġija ta' Enċikliki soċjali: *Laborem Exercens* (1981), *Sollicitudo Rei Socialis* (1987) u fl-aħħar, *Centesimus Annus* (1991). Hekk quddiem qagħdiet u kwistjonijiet dejjem ġodda, it-tagħlim soċjali kattoliku żviluppa bla waqfien, u fis-sena 2004 kien spjegat b'mod organiku fil-*Ġabra tat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja* mill-Kunsill Pontifiċju *Iustitia et Pax*. Il-Marxiżmu, sew fir-rivoluzzjoni dinjija sew fit-tħejjija tagħha kien ta ħjiel tas-soluzzjoni tal-problema soċjali: permezz tar-rivoluzzjoni u wara b'ġabra waħda tal-mezzi ta' produzzjoni – kif kien mistqarr f'dan it-tagħlim – kollox kellu jinbidel għal sistema oħra u aħjar. Din il-ħolma sfat fix-xejn. Fil-qagħda diffiċli li fiha ninsabu llum ukoll minħabba l-globalizzazzjoni ta' l-ekonomija, it-tagħlim soċjali tal-Knisja sar ġabra ta' tagħlim fundamentali, li joffri direzzjoni soda anki 'l barra minnha: quddiem l-iżvilupp tas-sitwazzjoni, din id-direzzjoni għadha diskussa fi djalogu ma' kull min jitħasseb serjament dwar il-bniedem u d-dinja li jgħix fiha.

28. Biex infissru aktar ċar ir-relazzjoni bejn l-impenn meħtieġ għall-ġustizzja u s-servizz tal-karita', jeħtieġ li wieħed iqis żewġ kondizzjonijiet importanti f'din il-ħaġa:

a) L-ordni ġust tas-soċjeta' u ta' l-Istat huwa dmir ċentrali tal-politika. L-Istat li mhux imexxi bil-ġustizzja ma jkunx għajr qabda ħallelin, bħalma darba qal Santu Wistin: *"Remota itaque iustitia quid sunt regna nisi magna latrocinia?"* [18] Id-distinzjoni bejn dak li hu ta' Ċesri u dak li hu ta' Alla (ara Mt 22:21), fi kliem ieħor id-distinzjoni bejn Knisja u Stat, jew kif jgħidilha l-Konċilju Vatikan II, l-

awtonomija fil-qasam temporali, hija fundamentali għall-Kristjaneżmu. L-Istat ma jistax jimponi r-reliġjon, iżda għandu jassigura l-liberta' tagħha kif ukoll il-paċi bejn is-segwaċi ta' reliġjonijiet differenti. Min-naħa tagħha, il-Knisja, bħala xhud soċjali tal-fidi nisranija, għandha l-indipendenza tagħha, u mibnija fuq il-fidi tgħix is-sistema tagħha bħala komunità, li għandha tkun magħrufa mill-Istat. Iż-żewġ oqsma huma magħżulin għalihom, b'danakollu dejjem f'relazzjoni ma' xulxin.

Il-ġustizzja hija sew l-għan, sew il-qies essenzjali ta' kull politika. Il-politika hi aktar minn mekkaniżmu sempliċi biex tfisser ir-regoli pubbliċi: l-għajn u l-għan tagħha jinsabu sewwa sew fil-ġustizzja, u din hi ta' natura etika. Hekk l-Istat tabilħaqq ma jistax jeħles mill-mistoqsija: kif tista' titwettaq il-ġustizzja hawnhekk, u issa? Iżda dik il-mistoqsija turi li hemm oħra qabilha aktar radikali: x'inhi l-ġustizzja? Din hija problema ta' raġuni prattika; iżda biex taħdem sewwa, ir-raġuni għandha dejjem tissaffa mill-ġdid, għaliex l-għama tagħha għall-etika, li ġej mill-ħakma tal-qligħ u s-setgħa li jgħammxuha, huwa periklu li qatt ma jitwarrab għal kollox.

Hawnhekk il-politika u l-fidi jiltaqgħu. Bla dubju, il-fidi għandha n-natura magħżula tagħha, bħala laqgħa ma' Alla l-ħaj – laqgħa li tiftħilna orizzonti ġodda lil hemm mill-ħila tar-raġuni. Iżda fl-istess ħin hi qawwa li ssaffi l-istess raġuni. Billi hi ġejja mill-ħsieb ta' Alla, il-fidi teħles ir-raġuni mid-difetti ta' l-għama tagħha, u għalhekk tgħinha tkun aħjar. Il-fidi tagħti lir-raġuni l-ħila biex twettaq aħjar il-ħidma tagħha u li tara aħjar dak li hu proprju tagħha. Hu hawnhekk li jidħol it-tagħlim soċjali kattoliku: dan ma jridx jagħti lill-Knisja xi setgħa fuq l-Istat. Lanqas irid jimponi fuq dawk li ma għandhomx il-fidi ideat u mġiba li huma tal-fidi. Trid sempliċiment tagħti sehem biex ir-raġuni tissaffa u twassal l-għajnuna tagħha ħalli dak li hu ġust, hawn u issa jkun milqugħ u wara mwettaq.

It-tagħlim soċjali tal-Knisja jargumenta billi jibda mir-raġuni u mid-dritt naturali, jiġifieri minn dak li jaqbel man-natura ta' kull bniedem. Hu jagħraf sewwa li mhix responsabbilta' tal-Knisja li hija stess tagħti saħħa lit-tagħlim tagħha b'mod politiku: hija trid tgħin il-formazzjoni tal-kuxjenza fil-politika u tagħti sehemha u tistinka biex jikbru sew l-għarfien ta' l-esiġenzi veri tal-ġustizzja kif ukoll il-ħeffa biex dawn jitwettqu, anki meta dan imur kontra interessi personali. Dan ifisser li t-twaqqif ta' ordni soċjali u ċivili ġust, li bih jingħata lil kull wieħed dak li jmissu, huwa l-aqwa dmir li kull ġenerazzjoni għandu jaqbad mill-ġdid. Billi dan huwa responsabbilta' politika, dan ma jistax



ikun inkarigu immedjat tal-Knisja. Iżda, billi fl-istess ħin huwa responsabbilta' primarja tal-bniedem, il-Knisja għandha d-dmir toffri s-sehem partikolari tagħha permezz tat-tisfija tar-raġuni u l-formazzjoni etika biex l-eżiġenzi tal-ġustizzja jkunu magħrufa u jistgħu jsiru fil-qasam politiku.

Il-Knisja ma tistax u m'għandhiex tieħu f'idejha l-ġlieda politika biex toħloq soċjeta' kemm jista' jkun ġusta. La tista' u lanqas għandha tieħu post l-Istat. Iżda hi la tista' u lanqas għandha twarrab fil-ġenb mit-tħabrik biex ikollna l-ġustizzja. Hija għandha tidħol f'dan permezz ta' argumenti skond ir-raġuni u għandha tqajjem qawwiet spiritwali, li mingħajrhom il-ġustizzja, li dejjem titlob ukoll sagrifiċċju, ma għandhiex il-ħila tirbaħ u tirnexxi. Is-soċjeta' ġusta ma tistax tkun ix-xogħol tal-Knisja, iżda din għandha tinkiseb mill-politika. B'dan kollu hija għandha ħerqa kbira li taħdem għall-ġustizzja biex jinfetħu d-dehen u r-rieda għall-eżiġenzi tal-ġid komuni.

b) L-imħabba – *caritas* – sa tibqa' dejjem meħtieġa, ukoll fl-iktar soċjeta' ġusta. M'hemm ebda ordni ċivili ta' l-Istat daqshekk ġust li jasal jara żejjed is-servizz ta' l-imħabba. Min irid jeħles mill-imħabba qiegħed iħejji ruħu biex jeħles mill-bniedem bħala bniedem. Dejjem tibqa' t-tbatija li teħtieġ faraġ u għajnuna. Dejjem issib il-bniedem waħdu fil-ħajja. Dejjem ikun hemm ukoll ċirkustanzi ta' ħtieġa materjali li fihom huwa meħtieġ li wieħed jagħti għajnuna f'għamla ta' mħabba reali lejn il-proxxmu [20]. L-Istat li jrid jaħseb għal kollox hu, li jaħtaf kollox f'idejh, fl-aħħar, ma jsirx ħlief burokrazija li ma tistax tassigura dik il-ħaġa partikolari li l-bniedem – kull bniedem – fit-tbatija jkun jeħtieġ: jiġifieri d-dedikazzjoni personali mimlija mħabba. Ma għandniex bżonn ta' Stat li jmexxi u jaħkem kollox hu, iżda, aktar ta' Stat li bil-ġenerożita' jagħraf u jħeġġeġ, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-inizjattivi li jqumu minn qawwiet soċjali varji li fihom jingħaqdu r-rieda ħielsa u t-tqarrib lejn il-bniedem fil-bżonn ta' għajnuna. Il-Knisja hija waħda minn dawn il-forzi ħajjin: fiha tħabbat il-qawwa ta' l-imħabba mħeġġa mill-Ispirtu ta' Kristu. Din l-imħabba toffri mhux biss għajnuna materjali lill-bnedmin, iżda wkoll faraġ u kura tar-ruħ, għajnuna ta' sikwit aktar meħtieġa minn assistenza materjali. Fil-fatt id-dikjarazzjoni li tgħid li l-istrutturi ġusti jirrendu żejda l-opri ta' karita' taħbi fiha ħsieb materjalista dwar il-bniedem: jiġifieri l-fehma żbaljata li tgħid li l-bniedem jista' jgħix "bil-ħobż biss" (Mt 4:4; ara Dt 8:3) – konvinzjoni li tbaxxi l-bniedem u fil-fatt tiskarta dak li hu uman b'mod partikolari.

29. B'hekk issa nistgħu naslu biex inqisu sewwa, fil-ħajja tal-Knisja, ir-relazzjoni bejn id-dmir għal ordni ġust ta' l-Istat u tas-soċjeta', minn naħa, u l-ħidma organizzata ta' karita', min-naħa l-oħra. Diġa' rajna li l-formazzjoni ta' strutturi ġusti mhix direttament ħidma tal-Knisja, iżda hi ta' l-ordni politiku, jiġifieri tal-qasam tar-raġuni responsabbli minnha nnifisha. F'dan kollu l-Knisja għandha dmir indirett, billi jmissha tikkopera għat-tisfija tar-raġuni u għall-qawmien tal-forzi morali, li mingħajrhom la jitwaqqfu strutturi ġusti, u lanqas jistgħu jkomplu jaħdmu.

Id-dmir dirett biex wieħed jaħdem għal ordni ġust fis-soċjeta' huwa, min-naħa l-oħra, proprju tal-lajċi li jgħixu l-fidi. Bħala ċittadini ta' l-istat, huma msejħin biex personalment jieħdu sehem minn ta' quddiem fil-ħajja pubblika. Għalhekk ma jistgħux jiċħdu sehemhom "mill-ħafna attivita' differenti ekonomika, soċjali, leġislattiva, amministrattiva u kulturali, maħsuba biex b'mod organizzat u b'liġijiet stabbiliti jkattru l-*ġid komuni*" [21]. Għal din ir-raġuni l-lajċi li jgħixu l-fidi għandhom ifasslu sewwa l-ħajja soċjali, jistmaw l-awtonomija leġittima tagħha, u jikkoperaw maċ-ċittadini l-oħra skond is-setgħat rispettivi tagħhom waqt li jwettqu r-responsabbilta' tagħhom. [22] Għalkemm l-isforzi proprji tal-karita' fil-Knisja qatt ma jistgħu jitħalltu mal-ħidma ta' l-Istat, b'danakollu jibqa' veru li l-karita' għandha tqanqal il-ħajja kollha ta' dawk li jgħixu l-fidi u għalhekk ukoll il-ħidma politika tagħhom magħmula bħala "karita' soċjali" [23].

Min-naħa l-oħra l-għaqdiet tal-Knisja organizzati għall-karita' jifformaw *opus proprium* tagħha, xogħol li jaqbel għal kollox magħha, li fih hi ma tikkoperax b'mod mill-qrib, iżda taħdem bħala suġġett b'responsabbilta' diretta, waqt li tagħmel dak li jixraq lin-natura tagħha. Il-Knisja qatt ma tista' teħles mit-taħriġ tal-karita' bħala ħidma organizzata ta' dawk li jemmnu, u min-naħa l-oħra qatt ma jista' jkun hemm sitwazzjoni li fiha ma tkunx meħtieġa l-karita' ta' kull nisrani għaliex il-bniedem, minbarra l-ġustizzja, għandu u jkollu dejjem bżonn ta' l-imħabba.

## L-istrutturi kotrana ta' servizz karitattiv fil-qagħda soċjali ta' llum

30. Qabel ma nipprovaw infissru l-istampa partikolari tal-ħidmiet tal-Knisja fil-qadi tal-bniedem, issa nixtieq nagħti ħarsa lill-qagħda ġenerali tat-taqbida għall-ġustizzja u l-karita' fid-dinja ta' llum.

a) Il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali llum ċekknu d-dinja tagħna, billi ressqu bil-ħeffa u b'mod li jinħass bnedmin u kulturi għal kollox differenti. Jekk dan il-fatt li "noqogħdu flimkien" kultant joħloq ukoll nuqqas ta' ftehim u tensjonijiet,



madankollu l-ħila li nsiru nafu kważi dak il-ħin stess il-ħtiġijiet tal-bnedmin, qabel kollox jisfidana biex naqsmu l-qagħda u l-problemi tagħhom. Għalkemm fil-qasam tax-xjenzi u fit-teknoloġija saru progressi kbar, aħna kuljum insiru nafu kemm ibatu l-bnedmin fid-dinja, minħabba l-faqar sew materjali sew spiritwali ta' kull xorta. Għalhekk dan iż-żmien tagħna jitlob ħeġġa ġdida biex tingħata għajnuna lill-proxxmu fil-bżonn. Il-Konċilju Ekumeniku Vatikan II diġa' qiegħed dan quddiemna bi kliem l-aktar ċar: "Illum li l-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali saru eħfef [u] id-distanzi bejn il-bnedmin kważi spiċċaw għal kollox… il-ħidma karitattiva tista' u għandha tħaddan il-bnedmin u l-ħtiġijiet kollha" [24].

Min-naħa l-oħra – u dan hu element tal-proċess innifsu tal-globalizzazzjoni li jisfidana iżda wkoll li jħeġġiġna – iż-żmien ta' llum joffrilna għadd kbir ta' mezzi biex nużawhom u nagħtu għajnuna umanitarja lil ħutna fil-bżonn, u fost dawn hemm is-sistemi moderni għat-tqassim ta' l-ikel u l-ilbies, kif ukoll li wieħed jaħsbilhom fejn joqogħdu u jilqagħhom. Il-ħerqa favur il-proxxmu taqbeż it-truf tal-komunitajiet nazzjonali u hekk wessgħet dejjem aktar il-firxa tagħha mad-dinja kollha. Bir-raġun, il-Konċilju Vatikan II għarrafna: "Fost is-sinjali ta' żminijietna ta' min isemmi b'mod speċjali dak is-sens ta' solidarjetà fost il-popli li qiegħed kull ma jmur jikber u aktar ma jikber ma jistax jitwaqqaf" [25]. L-istituzzjonijiet ta' l-Istat u l-għaqdiet umanitarji jirrikmandaw ħidmiet mogħtija għal dan il-għan, l-aktar permezz ta' sussidji jew tnaqqis mit-taxxi lil xi wħud, lil dawn ta' l-aħħar billi jiddedikawlhom flus kotrana biex jinqdew. B'dan il-mod is-solidarjetà magħmula mis-soċjetà ċivili tisboq il-ħidma ta' l-individwi u tfisser ħafna (għalihom).

b) F'din is-sitwazzjoni fost l-istituzzjonijiet ċivili u ekkleżjali, nibtu u kibru għadd ta' forom ġodda ta' koperazzjoni li saru magħrufa għall-ġid li għamlu. Il-ħidmiet tal-Knisja magħrufa sewwa fix-xogħol tagħhom trasparenti u għall-fedeltà lejn id-dmir li jixhdu l-imħabba jistgħu wkoll iqanqlu b'mod nisrani l-ħidmiet ta' aġenziji ċivili, waqt li jħeġġu arranġament komuni bejniethom li ma jistax ma jgħinx is-siwi tal-ministeru tal-karità [26]. F'dawn iċ-ċirkostanzi twaqqfet ukoll kotra ta' għaqdiet bi skopijiet ta' karità jew ta' umanità li jimpenjaw ruħhom biex quddiem il-problemi soċjali u politiċi ta' llum jaslu għal soluzzjonijiet xierqa skond l-aspett umanitarju. Huma ta' importanza kbira fi żmienna l-qawmien u t-tixrid tal-forom diversi ta' volontarjat li jindaħlu għal kotra ta' servizzi [27]. Hawnhekk irid ngħid kelma speċjali ta' apprezzament u ħajr lil dawk kollha li jieħdu sehem b'diversi modi f'dawn il-ħidmiet. Dan l-impenn

li diġa' xtered joħloq għaż-żgħażagħ skola tal-ħajja li teduka għas-solidarjeta', għall-ħeffa li joffru mhux biss xi ħaġa, imma lilhom infushom. Kontra l-kultura tal-mewt li per eżempju tinfexx fid-droga, qed titqiegħed l-imħabba li ma tfittixx lilha nnifisha – kultura tal-ħajja li turi ruħha għal kollox fit-tendenza li "titlef lilha nnifisha" (Lq 17,33) għall-proxxmu.

Fil-Knisja Kattolika wkoll u fil-Knejjes l-oħra u fil-Komunitajiet ekkleżjali nibtu forom ġodda ta' ħidma karitattiva, u reġgħu dehru dawk qodma b'saħħa mġedda. Huma forom li fihom spiss tista' titwaqqaf rabta hienja bejn l-evanġelizzazzjoni u l-opri ta' karita'. Hawn nixtiequ nsaħħu ċar u tond dak li l-Predeċessur kbir tagħna Ġwanni Pawlu II kiteb fl-Enċiklika *Sollicitudo Rei Socialis* [28] meta stqarr il-ħsieb u r-rieda mħejjija tal-Knisja Kattolika li tikkopera ma' Organizzazzjonijiet karitattivi komuni ta' dawn il-Knejjes u Komunitajiet, għaliex aħna lkoll nitqanqlu skond l-istess kawża ewlenija u għandna l-istess għan quddiem għajnejna: umaniżmu veru, li jagħraf ix-xbieha ta' Alla fil-bniedem u jrid jgħinu biex jilħaq ħajja li taqbel ma' din id-dinjita'. L-Enċikilika *Ut Unum Sint* saħqet għal darba oħra li għall-progress ta' dinja aħjar, jeħtieġ leħen wieħed fost l-insara, l-impenn tagħhom għar-"rispett tad-drittijiet u tal-ħtiġijiet ta' kulħadd, l-aktar tal-foqra, tan-nies baxxi u ta' dawk li ma jaqbeż ħadd għalihom." [29] Hawnhekk nixtieq infisser il-ferħ tiegħi għaliex din ix-xewqa dwiet mad-dinja kollha f'għadd kbir ta' ħidmiet.

## Il-Forma proprja tal-ħidma karitattiva tal-Knisja

31. Iż-żjieda ta' ħafna għaqdiet li jaħdmu favur il-bniedem fil-ħtiġiet diversi tiegħu, fl-aħħar mill-aħħar ġejja mill-fatt li l-ordni għall-imħabba tal-proxxmu hu miktub mill-Ħallieq fl-istess natura tal-bniedem. Iżda, dan it-tkattir huwa wkoll ir-riżultat tal-preżenza tar-reliġjon nisranija fid-dinja, li dejjem qajmet mill-ġdid u għamlet effettiv dan il-kmand li sikwit daħal fi dlam kbir fil-ġirja ta' l-istorja. It-tiġdid tal-paganiżmu li pprova jagħmel l-Imperatur Ġuljanu l-Apostata, huwa biss eżempju tal-bidu ta' dan l-effett; f'dan is-sens il-qawwa tal-Kristjaneżmu tinfirex aktar 'il bogħod mill-fruntieri tal-fidi nisranija. Għalhekk huwa ta' importanza kbira li l-ħidma tal-Knisja żżomm id-dija kollha tagħha u ma ssirx biss forma oħra ta' assistenza soċjali.

Iżda, issa liema huma l-elementi essenzjali tal-karità nisranija u ekkleżjali?

a) Skond l-eżempju li hemm fil-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb, il-karità nisranija hi l-ewwelnett it-tweġiba sempliċi għal dak li, f'każ immedjat, joħloq ħtieġa diretta: dawk bil-ġuħ għandhom jieklu, dawk għerja għandhom jitlibbsu,

Għall-progress ta' dinja aħjar, jeħtieġ leħen wieħed fost l-insara, l-impenn tagħhom għar-"rispett tad-drittijiet u tal-ħtiġijiet ta' kulħadd, l-aktar tal-foqra, tan-nies baxxi u ta' dawk li ma jaqbeż ħadd għalihom. Hawnhekk nixtieq infisser l-ferħ tiegħi għaliex din ix-xewqa dwiet mad-dinja kollha f'għadd kbir ta' ħidmiet.

lil dawk morda għandha tingħata kura bit-tama tal-fejqan, lil dawk miżmumin il-ħabs ta' min iżurhom, u l-bqija. Jeħtieġ li l-għaqdiet karitattivi tal-Knisja, nibdew minn dawk tal-*Caritas* (djoċesana, nazzjonali, internazzjonali) jagħmlu dak li jistgħu, biex jipprovdu l-mezzi, u aktar irġiel u nisa li jidħlu għal dan ix-xogħol. Fejn jidħol is-servizz li jsir lil dawk muġugħa, qabel kollox jeħtieġ tħejjija professjonali: jeħtieġ li l-*helpers* ikunu mħarrġa b'mod li jwettqu sewwa sew dak li għandhom jagħmlu u wara jimpenjaw ruħhom li jkomplu jikkurawhom. Il-kapaċità professjonali hija l-ewwel ħtieġa fundamentali, iżda waħedha mhix biżżejjed. Fil-fatt, qegħdin nagħmluha ma' persuni umani u dawn il-persuni umani dejjem jeħtieġu xi ħaġa iżjed minn kura teknikament magħmula kif imiss. Jeħtieġu umanità, jeħtieġu attenzjoni mill-qalb. Dawk kollha li jaħdmu fl-organizzazzjonijiet karitattivi tal-Knisja għandhom jispikkaw mhux biss fit-twettiq sewwa ta' dak li jaqbel isir dak il-ħin, iżda ħa jagħtu lilhom infushom lill-proxxmu b'attenzjoni ħierġa mill-qalb, biex hekk dak li jkun iġarrab il-milja ta' l-umanità tagħhom. Għalhekk, barra t-tħejjija professjonali, dawn l-operaturi jeħtieġu qabel kollox "il-formazzjoni tal-qalb": jeħtieġ li dawn jitmexxew għal dik il-laqgħa ma' Alla fi Kristu li tqajjem fihom l-imħabba u tiftaħ il-qalb tagħhom lejn l-oħrajn, biex hekk l-imħabba ma tkunx għalihom kmandament impost, biex ngħidu hekk, minn barra, iżda konsegwenza ħierġa mill-fidi li taħdem bl-imħabba (ara Gal 5:6).

b) Il-ħidma karitattiva Kristjana jeħtieġ tkun indipendenti minn partiti u ideoloġiji. Hi mhix mezz biex ibiddel id-dinja skond xi ideoloġija, lanqas hi għas-servizz ta' xi pjani tad-dinja, iżda hi t-twettiq ta' l-imħabba li l-bniedem jeħtieġ fil-post u fil-ħin. Iż-żmien ta' llum, l-aktar mis-seklu dsatax 'l hawn, huwa maħkum minn diversi verżjonijiet ta' filosofija tal-progress, li l-aktar għamla radikali tagħha hija l-Marxiżmu. Parti mill-pjan marxista hi t-teorija dwar xi jwassal għall-faqar: din iżżomm li min f'sitwazzjoni ta' setgħa inġusta jgħin il-bniedem b'għemejjel ta' karità, fil-fatt ikun qiegħed hu stess għas-servizz ta' dik is-sistema ta' inġustizzja, li għallinqas sa ċertu punt qed jagħmilha tidher aċċettabli. B'dan il-mod il-qawwa tar-rivoluzzjoni titrażżan u hekk tingħalaq it-triq lejn dinja aħjar. Għalhekk, il-karità ssib reżistenza, kif ukoll hi attakkata bħala sistema li żżomm l-*istatus quo*. Tabilħaqq, din hi filosofija li tmur kontra l-bniedem. Il-bniedem li jgħix illum huwa ssagrifikat lil *Moloch* tal-ġejjieni – ġejjieni li għalinqas huwa dubjuż jekk jistax iseħħ. Tabilħaqq, il-bidla għal dinja aktar umana ma tistax tgħaddi 'l quddiem billi wieħed jiċħad, għal xi żmien, li jġib ruħu b'mod uman. Għal dinja aħjar wieħed jagħti sehmu biss jekk aħna nagħmlu



l-ġid issa personalment, b'impenn sħiħ u kull fejn nistgħu, mingħajr rabta ma' xi pjan jew programm ta' partiti. Il-programm tan-nisrani, jiġifieri l-programm tas-Samaritan it-Tajjeb, il-programm ta' Ġesù – huwa "qalb li tara". Din il-qalb tara fejn hemm bżonn ta' l-imħabba u tieħu azzjoni skond il-każ. Ċertament, għar-rieda pronta ta' kull bniedem, ta' min iżid l-ippjanar, il-previżjoni u l-koperazzjoni ma' istituzzjonijiet li jixxiebhu, kemm-il darba l-ħidma tal-karità tal-Knisja tittieħed bħala inizjattiva komunitarja.

c) Barra dan, il-karità ma għandhiex tkun xi mezz li jwassal lejn dak li llum inqisuh proselitiżmu. L-imħabba hija ħielsa; ma titwettaqx biex nilħqu għanijiet oħra [30]. Iżda dan ma jfissirx li l-ħidma karitattiva għandha, biex ngħidu hekk, twarrab 'l Alla u 'l Kristu. Dejjem għandha x'taqsam mal-bniedem sħiħ: sikwit l-akbar kawża tat-tbatija tiġi min-nuqqas tal-preżenza ta' Alla. Min iwettaq il-karità f'isem il-Knisja qatt ma għandu jipprova jimponi l-fidi tal-Knisja fuq l-oħrajn. Huwa jaf li l-imħabba safja u ġeneruża hija l-aqwa xhieda lil Alla li fih nemmnu u li minnu aħna nitqanqlu għall-imħabba. In-nisrani jaf meta jkun il-waqt li jitkellem dwar Alla u meta jkun aħjar li ma jgħid xejn u jħalli l-imħabba titkellem hi. Huwa jaf li Alla huwa mħabba (ara 1 Ġw 4:8) u li jkun preżenti proprju f'dawk il-ħinijiet li fihom ma jkun hemm xejn iżjed ħlief imħabba. Hu jaf – biex naqbdu l-problemi ta' qabel – li t-tkasbir ta' l-imħabba huwa t-tkasbir ta' Alla u tal-bniedem; huwa wkoll it-tentattiv li wieħed jgħaddi mingħajr Alla. Għalhekk l-aħjar difiża ta' Alla u tal-bniedem qiegħda kollha fl-imħabba. Hija r-responsabbiltà ta' l-organizzazzjonijiet karitattivi tal-Knisja li jsaħħu din il-fehma fil-membri, biex bil-ħidma tagħhom – kif ukoll bil-kliem, bis-skiet, bl-eżempju tagħhom – isiru xhieda kredibbli ta' Kristu.

## Dawk li huma responsabbli għall-ħidma karitattiva tal-Knisja

32. Fl-aħħar, aħna għandna nerġgħu nitfgħu ħsiebna lejn dawk li diġa' semmejna bħala responsabbli tal-karità tal-Knisja. Fir-riflessjonijiet ta' qabel aħna wrejna li l-veru suġġett ta' l-istituzzjonijiet kattoliċi diversi, li jwettqu s-servizz tal-karità, hija l-Knisja nnifisha – u din fil-gradi kollha, ibda mill-parroċċi, għall-Knejjes partikolari, sal-Knisja universali. Għalhekk kien għal kollox meħtieġ li l-Predeċessur Venerabbli tagħna Pawlu VI jwaqqaf il-Kunsill Pontifiċju *Cor Unum* bħala uffiċċju tas-Santa Sede responsabbli għad-direzzjoni u l-għaqda ta' l-organizzazzjonijiet u l-ħidmiet tal-karita' mħeġġin mill-Knisja Kattolika. Imbagħad jaqbel mal-binja tal-Knisja fuq l-isqfijiet il-fatt li bħala suċċessuri ta' l-Appostli l-Isqfijiet fil-Knejjes partikolari jġorru l-ewwel responsabbilta' li jwettqu wkoll fi żmienna dak il-programm muri

In-Nisrani jaf li l-imħabba safja u ġeneruża hija l-aqwa xhieda lil Alla li fih nemmnu u li minnu aħna nitqanqlu għall-imħabba. In-nisrani jaf meta jkun il-waqt li jitkellem dwar Alla u meta jkun aħjar li ma jgħid xejn u jħalli l-imħabba titkellem hi.



fl-*Atti ta' l-Appostli* (ara 2:42-44): illum bħal fl-imgħoddi, il-Knisja bħala familja ta' Alla għandha ssir post fejn wieħed jagħti u jirċievi l-għajnuna, u fl-istess waqt, post fejn in-nies jitħejjew biex jaqdu wkoll lil dawk barranin għaliha li jeħtieġu l-għajnuna. Waqt iċ-ċerimonja ta' l-Ordinazzjoni ta' l-Isqfijiet, l-att veru u proprju ta' l-istess konsagrazzjoni jitħejja b'mistoqsijiet lill-Isqof kandidat li fihom hemm imfissra l-elementi essenzjali ta' l-istess responsabbilta' tiegħu, u jiġu mfakkra lilu d-dmirijiet ta' l-istess ministeru ġejjieni tiegħu. F'din in-nisġa tal-fatti l-Isqof li se jkun ordnat iwiegħed bi kliem ċar li f'isem il-Mulej se jkun jilqa' u jħenn għall-foqra u għal dawk kollha li jeħtieġu l-faraġ u l-għajnuna [31].

*Il-Kodiċi tad-Dritt Kanoniku*, fil-kanoni (liġijiet) li għandhom x'jaqsmu mas-servizz ta' l-isqof, ma jsemmix b'mod dirett il-karità bħala qasam partikolari għall-ħidma episkopali, iżda jitkellem biss b'mod ġenerali dwar id-dmir ta' l-Isqof li jgħaqqad il-ħidmiet differenti kollha ta' l-appostolat waqt li jirrispetta x-xejra proprja tagħhom [32]. B'dan kollu, ftit ilu d-*Direttorju Pastorali tal-Ministeru ta' l-Isqfijiet* studja aktar fil-fond u bir-reqqa s-servizz tal-karità bħala ħidma essenzjali tal-Knisja kollha u dik proprja ta' l-Isqof fid-djoċesi tiegħu [33] u insista li t-twettiq tal-karità huwa ħidma tal-Knisja bħala Knisja u li, bħall-ministeru tal-Kelma u tas-Sagramenti, huwa parti wkoll mill-essenza tal-missjoni tagħha tal-bidu [34].

33. F'dak li għandu x'jaqsam mal-imsieħba li jwettqu fil-prattika l-ħidma tal-karità fil-Knisja, diġa' ssemma dak li hu essenzjali: huma ma għandhomx ikunu mqanqlin skond l-ideoloġija dwar it-titjib ta' dinja aħjar, iżda għandhom iħallu tmexxihom il-fidi li taħdem permezz tal-karità (ara Gal 5:6). Jeħtieġ qabel kollox li jkunu persuni mqanqlin sewwa mill-imħabba ta' Kristu, persuni li Kristu rebaħ qalbhom bl-imħabba tiegħu, u qajjem fihom imħabba għall-proxxmu. Ir-regola li tnebbaħhom il-mod ta' għemilhom għandha tkun id-dikjarazzjoni li hemm fit-*Tieni Ittra lill-Korintin*: "L-imħabba ta' Kristu ġġegħelna naħsbu dan" (5:14). L-għarfien li fi Kristu, Alla ta lilu nnifsu sal-mewt għalina, għandu jmexxina biex ma ngħixux għalina nfusna, iżda għalih u miegħu għall-oħrajn. Min iħobb lil Kristu, iħobb lill-Knisja u jixtieq li dejjem iktar issir xbieha u strument ta' l-imħabba li toħroġ minn Kristu. L-imsieħeb ta' kull organizzazzjoni karitattiva Kattolika jrid jaħdem mal-Knisja u, għalhekk, ma' l-Isqof, biex l-imħabba ta' Alla tista' tixtered mad-dinja. Bis-sehem tiegħu fit-twettiq tal-karità tal-Knisja, huwa jrid ikun xhud ta' Alla u ta' Kristu, u minħabba din ir-raġuni, jixtieq jagħmel il-ġid lill-bnedmin bla ebda ħlas.

34. Il-ftuħ tal-qalb għall-proġett Kattoliku tal-Knisja għandu jħejji lill-imseħbin fil-ħidma biex jaħdmu f'armonija ma' organizzazzjonijiet oħra fis-servizz tal-forom diversi ta' ħtieġa: iżda dan għandu jseħħ b'rispett lejn l-istess għamla partikolari ta' dak is-servizz li Kristu jitlob mid-dixxipli tiegħu. San Pawl, fl-innu tiegħu lill-karità (ara 1 Kor, 13), jgħallimna li l-karità hija dejjem aqwa minn sempliċi għemil: "U kieku kelli nqassam ġidi kollu għall-ħruq bla ma jkolli mħabba, xejn ma jkun jiswieli ta' ġid" (v.3). Dan l-innu jmissu jkun il-*Magna Carta* tas-servizz ekkleżjali kollu; fih jinġabru fil-qosor il-ħsibijiet kollha li aħna fissirna dwar il-karità f'din l-Enċiklika. Il-ħidma prattika mhix biżżejjed jekk fiha stess ma tingħatax imħabba lill-bniedem, imħabba li titgħajjex bil-laqgħa ma' Kristu. Is-sehem intimu personali fil-ħtiġijiet u t-tbatijiet tal-proxxmu jsir b'mod li jiena nagħtih sehem minni nnifsi: biex l-għotja ma tumiljax lill-proxxmu, għandi nagħtih mhux xi ħaġa minn tiegħi, imma lili nnifsi; jien għandi nkun preżenti fl-għotja bħala persuna.

35. Dan il-mod tajjeb biex naqdu (lill-oħrajn) jirrendi umli lil min jgħin. Huwa ma jippretendix li hu aqwa minn dawk li jirċievu l-għajnuna, tkun kemm tkun imsejkna l-qagħda tagħhom. Kristu ħa l-aktar post baxx fid-dinja – is-Salib – u b'din l-umiltà radikali lilna fdiena kif ukoll jgħinna bla waqfien. Min jista' jagħti l-għajnuna, jagħraf li b'dan il-mod qed jgħin lilu nnifsu; il-fatt li hu jista' jgħin ma ngħodduhx bħala mertu tiegħu jew raġuni għall-ftaħir. Dan id-dmir huwa grazzja. Aktar ma wieħed jagħtiha għall-ħidma fost l-oħrajn, aktar jifhem aħjar il-Kelma ta' Kristu u aktar jagħmilha parti minnu nnifsu: "Aħna qaddejja li ma niswew għal xejn" (ara Lq 17:10). Fil-fatt huwa jagħraf li hu qed jagħti sehmu mhux minħabba xi kwalità superjuri jew xi ħila akbar, iżda għaliex il-Mulej tah dan bħala don. Kultant iż-żjieda tal-bżonnijiet u l-limiti ta' l-istess ħidma jistgħu jġarrbuh biex jaqta' qalbu. Iżda proprju f'dan il-waqt li jista' jsib l-għajnuna, billi fl-aħħar jagħraf li hu biss strument f'idejn il-Mulej; hekk jeħles mill-preżunzjoni li hu personalment waħdu għandu r-responsabbiltà li jwettaq l-iżvilupp meħtieġ tad-dinja. Bi spirtu ta' umiltà, huwa jagħmel dak li jista' jagħmel, u bl-umiltà kollha jafda fil-Mulej għal dak li jonqos. Alla jmexxi d-dinja, mhux aħna. Lilu aħna noffrulu biss is-servizz li nistgħu nagħtuh, sakemm Hu jkompli jagħtina s-saħħa. B'dankollu, li nagħmlu dak li nistgħu bis-saħħa li għandna, huwa l-inkarigu li jżomm il-qaddej tajjeb ta' Ġesù Kristu dejjem ħabrieki: "L-imħabba ta' Kristu ġġegħelna naħsbu dan" (2 Kor 5:14).



36. Meta nikkonsidraw il-kobor bla qies tal-ħtiġijiet (ta' l-oħrajn), aħna minn naħa nistgħu ninġibdu lejn xi ideoloġija li tippretendi li issa hi tagħmel dak li t-tmexxija tad-dinja min-naħa ta' Alla, skond ma jidher, ma tasalx għalih, jiġifieri li ssolvi l-problemi kollha. Min-naħa l-oħra, din tista' tinbidel f'tentazzjoni ta' għażż, billi jidħol il-ħsieb li tassew ma jista' jsir xejn. F'dawn iċ-ċirkostanzi, ir-relazzjoni ħajja ma' Kristu hija l-għajnuna deċisiva biex nibqgħu fit-triq id-dritta, mingħajr ma naqgħu fis-suppervja li tmaqdar il-bniedem u fil-fatt ma toħloq xejn, iżda aktar teqred; lanqas għandna nintelqu għal rassenjazzjoni li tfixkilna milli nħallu l-imħabba tmexxina u naqdu 'l-bniedem. It-talb bħala mezz li bih dejjem nerġgħu nieħdu l-qawwa minn Kristu, hawnhekk isir għal kollox ħtieġa reali u urġenti. Min jitlob ma jkunx jaħli ż-żmien tiegħu, għalkemm is-sitwazzjoni tkun kerha ħafna u tidher li qed titlob biss azzjoni. It-tjieba reliġjuża ma ddgħajjifx il-ġlieda kontra l-faqar u xejn inqas dik kontra l-għaks tal-proxxmu. Il-Beata Tereża ta' Kalkutta turina eżempju l-aktar ċar, li ż-żmien dedikat lil Alla fit-talb mhux biss ma jnaqqas xejn minn servizz effettiv u mimli mħabba lil għajrna, iżda bil-maqlub, (it-talb) huwa l-għajn tiegħu li ma taqtax. Fl-ittra tagħha għal żmien ir-Randan, 1996, il-Beata hekk kitbet lis-soċji lajċi tagħha: "Aħna għandna bżonn ta' din ir-rabta intima ma' Alla fil-ħajja tagħna ta' kuljum. U kif nistgħu niksbuha? Bit-talb".

37. Wasal il-waqt li nikkonfermaw l-importanza tat-talb quddiem l-attiviżmu u s-sekulariżmu li qed jikber ta' ħafna nsara mogħtija għall-ħidma ta' karità. Ċertament, in-nisrani li jitlob ma jippretendix li jbiddel il-pjani ta' Alla jew isewwi dak li Alla ra minn qabel. Huwa aktar ifittex li jiltaqa' mal-Missier ta' Ġesù Kristu u jitolbu biex bil-faraġ ta' l-Ispirtu tiegħu jkun ġewwa fih u fil-ħidma tiegħu. Relazzjoni personali ma' Alla u l-għotja lir-rieda tiegħu biss jistgħu jżommu l-bniedem milli jbaxxi lilu nnifsu, u jwarrbuh minn fehmiet ta' fanatiżmu u terroriżmu. Atteġġjament tassew reliġjuż jeħles il-bniedem milli jġib ruħu ta' mħallef ta' Alla, waqt li jakkużah li qiegħed iħalli l-għaks mingħajr ma juri ħasra lill-ħlejjaq tiegħu. Imma min jippretendi li jeħodha kontra Alla billi jiddefendi l-interessi tal-bnedmin, fuq min jista' jserraħ meta l-ħidma umana ssir bla ħila?

38. Żgur li Ġobb jista' jgerger quddiem Alla għat-tbatijiet li hawn fid-dinja; dawn kif wieħed jara, ma jistgħux jinftiehmu u lanqas jidhru ġusti. Hekk tkellem Ġobb fl-uġigħ tiegħu: "Mhux li kont naf fejn insibu, jew xi triq nieħu lejn it-tron tiegħu!

… U nkun naf xi tweġib għandu għalija, u nifhem dak li jrid jgħidli. Jaqaw b'wiri ta' saħħa jitlewwem miegħi? … Għalhekk nitkexkex quddiemu u mqar naħseb biss nibża' minnu. Alla mewwitli qalbi, Xaddaj werwirni" (23:3.5-6.15-16). Sikwit aħna m'għandniex ħila nifhmu r-raġuni li għaliha Alla jżomm drieghu minflok li jindaħal. Iżda lanqas Hu ma jżommna li ngħajtu bħal Ġesù fuq is-salib: "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?" (Mt 27:46). Aħna għandna nibqgħu nsaqsu din il-mistoqsija quddiemu waqt li nitħaddtu miegħu fit-talb: "Sid Qaddis u Veru, kemm se ddum taħsibha?" (Apok 6:10). Huwa Santu Wistin li jagħtina t-tweġiba tal-fidi għal dan l-uġigħ tagħna: "*Jekk inti tifhem lilu, hu mhuwiex Alla*" [35]. Bil-protesta tagħna ma rridux nisfidaw 'l Alla, jew nagħtu ħjiel li hemm xi żball, xi dgħufija, jew indifferenza fih. Min jemmen ma jistax jaħseb li Hu bla ħila, jew rieqed (ara 1 Slat 18:27). Anzi huwa aktar veru li l-għajta tagħna wkoll, bħalma kienet fuq il-fomm ta' Ġesù msallab, hija l-aħħar mod u dik l-aktar radikali li biha nsaħħu l-fidi tagħna fis-setgħa assoluta tiegħu. Fil-fatt l-insara jkomplu jemmnu għalkemm ma jifhmux għal kollox u jitħawdu fid-dinja ta' madwarhom dwar "it-tjieba ta' Alla u l-imħabba tiegħu" lejn il-bnedmin (ara Tit 3:4). Għalkemm, bħall-bnedmin l-oħra huma maqbudin fiċ-ċirkustanzi mħawdin ta' madwarhom, l-insara jibqgħu sħaħ f'dik iċ-ċertezza li Alla hu missier u jħobbna, minkejja li aħna ma naslux li nifhmu s-skiet tiegħu.

39. Il-fidi, it-tama u l-imħabba jingħaqdu flimkien. It-tama titħarreġ permezz tal-virtù tas-sabar, li tibqa' tagħmel il-ġid anki quddiem id-dehra ta' nuqqas ta' suċċess, u permezz tal-virtù ta' l-umiltà, li tilqa' l-misteru ta' Alla u tafda fih ukoll fi żmien ta' dlam. Il-fidi turina 'l Alla li ta 'l Ibnu għalina u jsaħħaħ fina ċ-ċertezza rebbieħa li dan huwa kollu kemm hu minnu: Alla huwa mħabba! Bla dubju, għal din ir-raġuni, il-fidi tbiddel in-nuqqas ta' sabar u d-dubji tagħna f'tama żgura li Alla qed iżomm id-dinja f'idejh, u minkejja kull dlam, Huwa jirbaħ, bħalma b'xeni drammatiċi juri fl-aħħar f'dawl qawwi l-ktieb ta' l-*Apokalissi*. Il-fidi li tagħraf l-imħabba ta' Alla rrivelata sa fil-qalb ta' Ġesù minfuda fuq is-salib, tqanqal l-imħabba. L-imħabba hija dawl – u d-dawl waħdieni – li jdawwal mill-ġdid dinja mdallma u jagħti l-kuraġġ biex wieħed jgħix u jkompli jaħdem. L-imħabba hija possibbli, u aħna nistgħu nwettquha, għaliex aħna maħluqin fuq ix-xbieha ta' Alla. Li tgħixu l-imħabba jfisser li taħdmu b'mod li d-dawl ta' Alla jidħol fid-dinja – hekk hu dak li għalih nixtieq nistedinkom b'din l-Enċiklika.

Il-fidi, it-tama u l-imħabba jingħaqdu flimkien. It-tama titħarreġ permezz tal-virtù tas-sabar, li tibqa' tagħmel il-ġid anki quddiem id-dehra ta' nuqqas ta' suċċess, u permezz tal-virtù ta' l-umiltà, li tilqa' l-misteru ta' Alla u tafda fih ukoll fi żmien ta' dlam.



# GĦELUQ

40. Fl-aħħar ejjew inħarsu lejn il-qaddisin, u lejn dawk kollha li wettqu l-karità b'mod eżemplari. Ħsibijietna jduru speċjalment lejn Martin ta' Tours (miet 397), li kien suldat, imbagħad raħeb u isqof: hu bħal ikona li turi l-valur li mhemmx bħalu tax-xhieda personali tal-karità. Ħdejn il-bibien tal-belt ta' Amiens, Martin ta nofs il-mantell tiegħu lil wieħed fqir. Iżda bil-lejl Ġesù nnifsu deherlu f'ħolma liebes dak il-mantell, biex isaħħaħ is-siwi dejjiemi tal-kelma ta' l-Evanġelju: "Kont... għeri u libbistuni... kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi" (Mt 25:36.40) [36]. Iżda fl-istorja tal-Knisja, kemm xhidiet oħra ta' karità jistgħu jinġiebu! B'mod partikolari, il-moviment monastiku kollu, sa mill-bidu tiegħu minn Sant' Anton Abbati (miet 356), juri servizz bla qies ta' karità lejn il-proxxmu. Fil-laqgħa tiegħu "wiċċ imb'wiċċ" ma' Alla li hu mħabba, ir-raħeb jifhem il-ħtieġa urġenti li jbiddel ħajtu kollha f'servizz lill-proxxmu, minbarra li huwa wkoll fis-servizz ta' Alla. Hekk jitfissru l-istrutturi kbar ta' akkoljenza, kif ukoll ta' kenn u ta' kura li twaqqfu qrib il-monasteri. Hekk ukoll jitfissru l-inizjattivi kbar ħafna għall-promozzjoni umana u l-formazzjoni Kristjana, li kienu qabel kulħadd għall-aktar fqar, li tagħhom ħadu l-inkarigu l-ewwel l-Ordnijiet monastiċi u mendikanti, u wara l-Istituti reliġjużi ta' rġiel u nisa, matul l-istorja kollha tal-Knisja. Il-figuri ta' qaddisin bħal: Franġisku ta' Assisi, Injazju ta' Loyola, Ġwanni ta' Alla, Kamillu de Lellis, Vinċenz de Paul, Louise de Marillac, Ġużeppi B. Cottolengo, Ġwanni Bosco, Lwiġi Orione, Tereża ta' Kalkutta – biex insemmu xi ftit minnhom – dawn jibqgħu mudelli magħrufa ħafna ta' karità soċjali lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba. Il-qaddisin huma dawk il-messaġġiera veri tad-dawl fil-qalba ta' l-istorja, għaliex huma rġiel u nisa ta' fidi, ta' tama u ta' mħabba.

41. Fost il-qaddisin tispikka Marija, Omm il-Mulej, u mera ta' kull qdusija. Fl-*Evanġelju ta' Luqa* aħna nsibuha impenjata f'servizz ta' karità lill-kuġina Elizabetta, u tibqa' magħha "għal tliet xhur" (1:56) biex tgħinha fl-aħħar fażi tat-tqala tagħha. "*Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej*", hija tgħid f'din l-okkażjoni taż-żjara tagħha, u b'dan il-kliem hija tiddikjara l-programm ta' ħajjitha kollha: jiġifieri ma qegħditx lilha nnifisha fin-nofs, iżda ħalliet il-post lil Alla li ltaqgħet miegħu fit-talb kif ukoll fil-qadi tal-proxxmu – huwa biss f'dak il-ħin li d-dinja saret tajba. Marija hi kbira proprju għaliex ma tridx tkabbar lilha nfisha, iżda 'l Alla. Hija umli u ma tridx tkun ħaġa oħra ħlief qaddejja tal-Mulej (ara Lq 1:38,48). Hija taf li tista' tagħti sehemha għas-salvazzjoni tad-dinja mhux billi twettaq xi ħidma tagħha, iżda biss billi proprju tiddedika lilha nnifisha għall-inizjattivi ta' Alla. Hija mara ta' tama: biss billi temmen fil-wegħdiet ta' Alla, u tistenna s-salvazzjoni ta' Iżrael, l-anġlu jista' jiġi għandha u jsejħilha għas-servizz deċiżiv ta' dawn il-wegħdiet. Hija mara ta' fidi: "Hienja dik li emmnet" (Lq 1:45) qaltilha Elizabetta. Dak il-*Magnificat* – biex ngħidu hekk, ritratt ta' ruħha – huwa kollu minsuġ bi ħjut mill-Kotba Mqaddsa, bi ħjut mill-Kelma ta' Alla. Hekk hija tidher kemm tassew kienet midħla tal-Kelma ta' Alla, toħroġ u tidħol fiha bil-ħeffa. Hija titkellem u taħseb bil-Kelma ta' Alla; il-Kelma ta' Alla ssir il-kelma tagħha, u l-kelma tagħha toħroġ mill-Kelma ta' Alla. Barra dan jidher li ħsibijietha jixbhu l-ħsibijiet ta' Alla, ir-rieda tagħha hija ħaġa waħda mar-rieda ta' Alla. Billi hija kienet mimlija għal kollox bil-Kelma ta' Alla hija tista' ssir Omm il-Kelma li saret bniedem. Fl-aħħar Marija hija mara li tħobb. Kif jista' jkun mod ieħor? Ċertament hija li temmen kif ukoll taħseb bil-fidi skond il-ħsibijiet ta' Alla u trid skond ir-rieda ta' Alla, hija ma tistax tkun ħlief mara li tħobb. Aħna nagħrfu dan fl-imġiba siekta li jsemmulna r-rakkonti evanġeliċi tat-tfulija. Dan narawh fil-ħlewwa li biha f'Kana ħasset il-ħtieġa li fiha kienu l-għarajjes u wrietha lil Ġesù. Dan narawh fl-umiltà li biha tilqa' t-tbatija li tkun imwarrba mill-ħajja pubblika ta' Ġesù, billi kienet taf li issa Binha kellu jwaqqaf familja ġdida u s-siegħa tagħha ta' Omm tasal biss fil-ħin tas-Salib, li tkun is-siegħa vera ta' Ġesù (Ġw 2:4; 13:1). Imbagħad meta jaħarbu d-dixxipli, hija tibqa' wieqfa ħdejn is-salib (Ġw 19, 25-27) u wara, fis-siegħa ta' Għid il-Ħamsin, ikunu huma li jinġabru madwarha jistennew l-Ispirtu s-Santu (ara Atti 1:14).

42. Ir-rakkonti ta' ħajjet il-Qaddisin fid-dinja għandhom x'jaqsmu mhux biss ma' għomorhom, iżda wkoll ma' l-għajxien u l-ħidma tagħhom f'Alla wara mewthom. Hija ħaġa għal kollox ċara fil-Qaddisin: min qabad it-triq lejn Alla ma jitbiegħedx mill-bnedmin, iżda joqrob aktar lejhom tassew. F'ħadd minnhom ma naraw dan aktar ċar daqs f'Marija. Il-kelma ta' Ġesù msallab lid-dixxiplu – jiġifieri lil Ġwanni u permezz tiegħu lid-dixxipli kollha: "Hawn hi ommok" (Ġw 19:27) isseħħ għal kollox mill-ġdid minn nisel għal nisel. Marija saret tabilħaqq Omm dawk kollha li jemmnu. Il-bnedmin ta' kull żmien u ta' kull pajjiż tad-dinja jduru lejn it-tjieba materna tagħha, kif ukoll lejn is-safa u s-sbuħija verġinali tagħha, fil-ħtiġijiet u t-tamiet, f'waqtiet ta' ferħ u niket, ta' solitudni kif ukoll ta' wens. U jġarrbu wkoll id-don tat-tjieba tagħha, iġarrbu l-imħabba li ma taqta' qatt, li hija stess ixxerred minn qiegħ qalbha. Ix-xhidiet ta' gratitudni dedikati lilha fil-kontinenti kollha u fil-kulturi kollha huma l-għarfien ta' dik l-imħabba safja li ma tfittixx lilha nfisha, iżda sempliċiment trid tagħmel il-ġid. Fl-istess ħin, id-devozzjoni tal-fidili turi l-fehma immedjata u ċerta kif imħabba bħal din tista' tkun possibbli: hija ssir hekk minħabba l-għaqda l-aktar intima ma' Alla: biha r-ruħ hija mimlija għal kollox bih - kundizzjoni li tħalli lil min xorob mill-fawwara ta' l-imħabba ta' Alla li jsir huwa wkoll nixxiegħa li "minnha joħorġu xmajjar ta' ilma ħaj" (Ġw 7,38). Marija, Verġni u Omm, turina x'inhi l-imħabba u minn fejn tieħu l-bidu tagħha, il-qawwa tagħha li tiġġedded bla waqfien. Lilha nafdaw il-Knisja u l-Missjoni tagħha fis-servizz ta' l-imħabba:

"Qaddisa Marija, Omm Alla,
inti tajt lid-dinja d-dawl veru,
Ġesù, Ibnek – Iben Alla.
Inti tajt lilek innifsek lil
Alla li sejjaħlek
u hekk sirt għajn
ta' tjieba li toħroġ minnu.

Urina 'l Ġesù. Mexxina lejh.
Għallimna nsiru nafuh u nħobbuh,
biex aħna wkoll ikollna l-ħila
nimtlew bi mħabba vera
kif ukoll insiru għejun ta' ilma ħaj
f'nofs dinja bil-għatx.

*Mogħtija f'Ruma f'San Pietru, fil-25 ta' Diċembru, Solennità tat-Twelid tal-Mulej, fis-sena 2005, l-ewwel waħda tal-Pontifikat tiegħi.*

**Beneditti PP. XVI**



# REFERENZI


[1] Ara *Jenseits von Gut und Böse*, IV, 168.

[2] X, 69.

[3] Ara R. Descartes, *Œuvres*, edizzjoni V. Cousin, vol. 12, Paris 1824, 95ff.

[4] II, 5: SCh 381, 196.

[5] *Ibid*., 198.

[6] Ara *Metaphysica*, XII, 7.

[7] Ara Psewdo-Djonisju l-Arjopagita,li fit-trattat tiegħu *De divinis nominibus*, IV, 12-14: PG 3, 709-713 isejjaħ 'l Alla fl-istess ħin *eros* u *agape*.

[8] Platun, *Symposium*, XIV-XV, 189c-192d.

[9] Sallustju, *De coniuratione Catilinae*, XX, 4.

[10] Ara Santu Wistin, *Stqarrijiet,* III, 6, 11: CCL 27, 32.

[11] *De Trinitate*, VIII, 8, 12: CCL 50, 287.

[12] Ara *I Apologia,* 67: PG 6, 429.

[13] Ara *Apologeticum,* 39, 7: PL 1, 468.

[14] *Ep. ad Rom., Inscr:* PG 5, 801.

[15] Ara Sant Ambroġ, *De officiis ministrorum*, II, 28, 140: PL 16, 141.

[16] Ara *Ep.* 83: J. Bidez, *L'Empereur Julien. Œuvres complètes*, Paris 1960$^2$, v. I, 2$^a$, p. 145.

[17] Ara Kongregazzjoni għall-Isqfijiet, Direttorju għall-ministeru pastorali ta' l-Isqfijiet *Apostolorum Successores* (22 ta' Frar 2004), 194, Città del Vaticano 2004, 2$^a$, 205-206.

[18] *De Civitate Dei*, IV, 4: CCL 47, 102.

[19] Ara Kostituzzjoni Pastorali fuq il-Knisja fid-dinja ta' llum *Gaudium et Spes*, 36.

[20] Ara Kongregazzjoni għall-Isqfijiet, Direttorju għall-ministeru pastorali ta' l-Isqfijiet *Apostolorum Successores* (22 ta' Frar 2004), 197, Città del Vaticano 2004, 2 [a], 209.

[21] Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni appostolika post-sinodali *Christifideles Laici* (30 ta' Diċembru 1988), 42: AAS 81 (1989), 472.

[22] Ara Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, *Nota dottrinali fuq xi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-impenn u l-imġiba tal-kattoliċi fil-ħajja politika* (24 ta' Novembru 2002), 1: *L'Osservatore Romano*, 17 ta' Jannar 2003, 6.

[23] *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 1939.

[24] Konċliju Vatikan II, Digriet fuq l-appostolat tal-lajċi *Apostolicam Actuositatem*, 8.

[25] *Ibid.*, 14.

[26] Ara Kongregazzjoni għall-Isqfijiet, Direttorju għall-ministeru pastorali ta' l-Isqfijiet *Apostolorum Successores* (22 ta' Frar 2004), 195, Città del Vaticano 2004, 214-216.

[27] Ara Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Appostolika post-sinodali *Christifideles Laici* (30 ta' Diċembru 1988), 41: AAS 81 (1989), 470-472.

[28] Ara num. 32: AAS 80 (1988), 556.

[29] Num. 43: AAS 87 (1995), 946.

[30] Ara Kongregazzjoni għall-Isqfijiet, Direttorju għall-ministeru pastorali ta' l-Isqfijiet *Apostolorum Successores* (22 ta' Frar 2004), 196, Città del Vaticano 2004, 216.

[31] Ara Pontificale Romanum, *De ordinatione episcopi*, 43.

[32] Ara kan. 394; *Kodiċi tal-Kanoni tal-Knejjes Orjentali;* kan. 203.

[33] Ara nn. 193-198: pp. 204-210.

[34] *Ibid.*, 194: pp. 205-206.

[35] *Sermo* 52, 16: PL 38, 360.

[36] Ara Sulplizju Severu, *Vita Sancti Martini*, 3, 1-3: SCh 133, 256-258.